# Id-diskors ta' EDDIE FENECH ADAMI

MEXXEJ TAL-PARTIT NAZZJONALISTA

# Fl-okkażjoni tal-KUNSILL ĠENERALI

PIETA', IL-ĦADD, 6 TA' LULJU, 1980

Suppliment ta' "In- Tagħna"



**"U aħna ngħidulu li jekk wasal f'sitwazzjoni li ma jafx aktar x'qed jagħmel u li nesa l-kliem fieragħ li qal u issa lest li jaqleb kollox ta' taħt fuq, is-soluzzjoni għandha tkun li jwarrab . . ."**




It costs a little more to have good taste but it's like telling the difference between an original and a cheap reproduction. GRUNDIG offers originals only. Made in Germany. Technically perfect, reliable, of modern design and service made easy.
If you want to be introduced to our extensive range of original models, please pay a visit to Trade Fair Stand C7, from 1st to 15th July or call at one of our show-rooms:

**Jokate**

47, Zachary Street, Valletta
43A, G'Mangia Hill, Pieta'.
13/14 Sacred Heart Str., B'Kara.

# FENECH ADAMI LIL MINTOFF...

# *JEKK TLIFT IT-TRIQ WARRAB*

**F'wieħed mill-aqwa diskorsi tal-Mexxej Nazzjonalista, Eddie Fenech Adami, fi tmiem il-laqgħa tal-Kunsill Generali l-bieraħ, huwa analizza s-sitwazzjoni fil-pajjiż, ikkritika bil-qawwa l-mod kif il-Gvern Soċjalista' ġab lil pajjiżna f'qagħda li l-barranin qed jirredikolawna u stieden lil Mintoff biex jekk tilef it-triq iwarrab.**

**Id-diskors, li dam sagħtejn u kwart, kien interrott diversi drabi b'applawsi mill-Kunsillieri preżenti li fit-tmiem taw ovazzjoni kommoventi lill-Mexxej Nazzjonalista.**

**Id-diskors sħiħ ta' Eddie Fenech Adami huwa dan li ġej:**

● Kif tafu l-istatut jobbligana li niltaqgħu darbtejn fis-sena: darba fl-aħħar tas-sena u darb'oħra f'nofs is-sena. Din id-darba, dan il-Kunsill kellu jieħu fit-tul ħafna aktar missoltu għax in-numru ta' mozzjonijiet li kellna niddiskutu u ddiskutejna fil-ġranet li għaddew, kien numeruż; għax kellna mozzjonijiet li jittrattaw fuq il-problemi l-aktar importanti li għandu quddiemu l-pajjiż illum.

Kellna mozzjonijiet li jittrattaw fuq il-qasam tax-xogħol, fuq l-edukazzjoni, fuq l-ekonomija, fuq ir-relazzjonijiet barranin, problemi ta' l-amministrazzjoni, problemi soċjali, fuq id-drittijiet tan-nisa u fuq Għawdex.

Kollha problemi li qegħdin f'moħħ il-poplu Malti u f'ħalq kulħadd. Qed joqrob iż-żmien ta' l-elezzjoni ġenerali u ċertament il-poplu Malti llum qed jiddiskuti dawn il-problemi biex meta jasal iż-żmien ikun f'pożizzjoni jagħti l-verdett tiegħu.

**Aħna ridna li għal dan il-Kunsill nistiednu, mhux biss l-istampa. kif nagħmlu s-soltu, fl-istadju finali tal-Kunsill, imma ridna nistiednu kemm lill-istampa kif ukoll lir-rappreżentanti ta' ħafna korpi kostitwiti f'Malta, biex jiġu hawn u jisimgħuna niddibattu**



**bejnietna, u nibdew minn issa nipprattikaw dak li aħna rridu li jkun il-mod kif dan il-pajjiż jibda jimxi wara elezzjoni oħra meta nkunu aħna fil-Gvern.**
*(applawsi)*

**PARTEĊIPAZZJONI**

Irridu li fid-deċiżjonijiet importanti kollha li jolqtu d-diversi setturi tal-poplu, id-deċiżjonijiet ma jiġux minn fuq bl-awtorità, bl-impożizzjoni, imma rridu li verament il-poplu kollu jibda jipparteċipa fil-proċess tad-deċiżjonijiet li jolqtu l-ħajja tagħna ta' kuljum.

U dan l-awgurju li aħna ridna u rridu nagħtu, bil-mod ftit differenti mis-soltu, kif żammejna dan il-Kunsill Ġenerali.

Irridu minn issa nimpenjaw ruħna li dak li qed ngħidu llum, li rridu Soċjetà ta' djalogu, ikollna l-opportunità u nwiegħdu li nwettquh meta nkunu fil-Gvern.

Biex il-poplu jasal għad-deċiżjoni tiegħu f'elezzjoni oħra, irid l-ewwelnett jiġġudika lill-Gvern li issa ilu aktar minn disa' snin jaħkimna. Lill-Gvern, f'pajjiż demokratiku, kull poplu jiġġudikah fuq l-għemil li jkun għamel kemm ikun ilu fil-Gvern.

Lill-Gvern, dan hu l-mod kif il-poplu bilfors irid jiġġudikah. U allura hu importanti ferm li aħna nibqgħu nfakkru lill-poplu tagħna minn xiex għadda l-pajjiż fid-disa' snin li għaddew.

Il-poplu jrid jiġġudika lilna wkoll. Lilna, li issa ilna disa' snin fl-Oppożizzjoni, irid jiġġudikana bħala partit li għandu 100 sena ta' storja warajh li aħna niddefinuha bħala storja glorjuża, 100 sena ta' qadi lill-poplu Malti. 100 sena għall-Maltin kif għażilna l-motto tagħna biex niċċelebraw dan iċ-ċentinarju.

Jiġġudikawna dawk li jiftakruna fil-Gvern ta' l-1971, bit-tajjeb kollu li għamilna dak iż-żmien u bid-difetti wkoll li kull Gvern ikollu. Iżda lill-poplu Malti aħna ngħidulu biex jiġġudikana mhux biss fuq il-100 sena ta' ħidma tagħna, imma l-ewwel u qabel kollox irid jiġġudikana f'dak li aħna llum.
*(applawsi)*

**U meta ngħid f'dak li aħna llum, ma rridx ngħid li aħna tbiddilna fl-affarijiet u fl-imġieba fundamentali tagħna. Imma jrid jiġġudikana llum fil-politika tagħna f'kull qasam.**

Il-prinċipji fundamentali tal-Partit Nazzjonalista jibqgħu dawk li kienu. Kemm ilna fl-Oppożizzjoni aħna ħadna ħsieb nagħmlu l-awtokritika. Nikkritikaw lilna nfusna bħala partit fl-organizazzjoni, u kif imxejna meta konna fil-Gvern. **Dik l-awtokritika serviet, biex f'dawn id-disa' snin ta' Oppożizzjoni, aħna ċerti u niftaħru, li l-partit illum huwa f'saħħtu aktar milli qatt kien qabel.**
*(applawsi)*

Ħdimna f'dawn id-disa' snin biex l-ewwelnett nirriformaw il-Partit u nagħtuh strutturi aktar jaqblu maż-żmenijiet moderni li qed ngħixu fihom. U waħda minn dawn ir-riformi importanti li saret hi li llum, il-Kunsillieri li huma r-rappreżentanti tal-fergħat kollha tal-Partit, għandhom vuċi ferm aktar milli qatt kellhom qabel, għax dak li jippriedka l-partit għall-pajjiż, irid l-ewwel jipprattikah huwa stess.

Ħdimna f'dawn id-disa' snin, biex mhux biss f'Malta imma anke barra minn Malta, nagħtu stampa ċara ta' min hu l-Partit Nazzjonalista. X'irid il-Partit Nazzjonalista? Liema huma l-prinċipji li fuqhom irid jimxi l-Partit Nazzjonalista?

Kulħadd jaf li l-Partit Nazzjonalista, illum huwa msieħeb flimkien ma' partiti oħra fl-Ewropa, u barra mill-Ewropa, li bħalna jħaddnu l-prinċipji tad-Demokrazija Kristjana. Dan hu moviment kbir li jeżisti fl-Ewropa u fid-dinja. Moviment li ħadem bis-sħiħ għall-iżvilupp soċjali, kulturali, ekonomiku u politiku ta' pajjiżhom.

Aħna, l-ispirazzjoni tagħna nwiegħdu li nkomplu nħaddnuha dejjem mill-prinċipji tad-Demokrazija Kristjana. Il-prinċipji li dejjem kienu l-bażi tal-Partit Nazzjonalista.

Dawn huma l-ewwelnett, l-imħabba lejn art twelidna li ġiegħlitna niġġieldu tul iż-żmien ta' kolonjaliżmu f'pajjiżna, sakemm rajna l-21 ta' Settembru tal-1964, meta Malta saret Indipendenti.
*(applawsi)*

Dik l-imħabba lejn art twelidna li llum tispirana biex nibqgħu niddefendu l-libertajiet tagħna, is-sovranità ta' pajjiżna. U mhux biss is-sovranità ta' pajjiżna imma l-libertà ta' kull wieħed minna u tad-demokrazija f'pajjiżna.

**PRINĊIPJI NSARA**

Il-prinċipju l-ieħor huwa li aħna rridu nimxu f'dak kollu li nwettqu, fuq il-prinċipji nsara. Tafu daqsi li meta ngħidu prinċipji nsara ma nkunux qed ngħidu, li skond ir-reliġjon Kristjana hemm xi mudell partikolari li 'jiffittja' preċiż għal konċetti nsara.

Imma meta ngħidu li nimxu fuq prinċipji nsara nifhmu li l-Partit Nazzjonalista, f'dak kollu li jagħmel, f'kull qasam ta' l-attività tiegħu jkollu kejl li bih jista' jqis ix-xogħol tiegħu. Dak il-kejl ġej mit-twemmin nisrani li aħna nipprofessaw u li aħna nwiegħdu li nkomplu nipprofessaw u nimxu fuqu.
*(applawsi)*

Ħaddieħor illum qiegħed jiftaħar li l-prinċipji li jħaddan hu ħadhom mir-rivoluzzjoni Franċiża, jew mir-rivoluzzjoni fir-Russja, jew ir-rivoluzzjoni Ċiniża. Aħna ngħidulu li l-prinċipji ta' l-imħabba ta' bejnietna, ta l-ugwaljanzà, tal-libertà, ma tgħallimnihomx minn dawn ir-rivoluzzjonijiet

# Aħna nirrikonoxxu l-libertà' ta' kull wieħed għax għandna stima ta' kull individwu, kull ċittadin

imma mill-prinċipji nsara li l-poplu dejjem irrispetta u għadu jrid jirrispetta.
*(applawsi)*

Il-libertà ta' kull wieħed minna, aħna nirrikonoxxuha għax għandna stima ta' kull persuna, ta' kull ċittadin. Aħna nistmaw lil kull individwu bħala ugwali bħal kull ieħor, għax ilkoll aħna bnedmin, dotati bir-rieda ħielsa tagħna u minn hemm jiġi l-prinċipju tal-libertà ta' kull wieħed minna.

L-imħabba ta' bejnietna ma kellhiex bżonn rivoluzzjonijiet biex nitgħallmuha imma nsibuha bħala l-qofol tat-tagħlim nisrani li l-poplu tagħna ħaddan għal elfejn sena sħaħ.

Sfortunatament, iżda, l-poplu Malti qed jinduna li għalkemm hawn ħafna li jitkellmu fuq il-libertà, l-imħabba ta' bejnietna u l-ugwaljanza, f'dan il-pajjiż hawn il-periklu serju li dawn l-istess prinċipji ma jibqgħux bla mittiefsa. Hawn il-periklu serju li dawn il-prinċipji li suppost ilkoll inħaddnu, bil-mod il-mod, jibdew jitnaqqru.

Għalhekk f'dan il-Kunsill Ġenerali tressqu tant mozzjonijiet għad-diskussjoni.

### IL-QASAM TAX-XOGħOL

F'dawn il-mozzjonijiet ġie kopert il-qasam tax-xogħol. Qasam li fuqu jkolli ngħid li meta l-poplu Malti — flok jibla' dak kollu li jgħidulu u jirrepeti dak kollu li jisma', meta jara sew x'qed jiġri fil-qasam tax-xogħol — il-verdett tiegħu għandu jkun kontra l-Gvern preżenti.
*(applawsi)*

Fil-qasam tax-xogħol, nisimgħu kontinwament l-istess diska, li l-Gvern Soċjalista bil-ħidma tiegħu, neħħa l-qgħad minn pajjiżna. Jgħidu li spiċċa l-qgħad u llum għandna "full employment" u m'għandniex problemi fil-qasam tax-xogħol.

Jekk il-poplu Malti jħares lejn dan il-problema sewwa jsib l-ewwelnett li dawn kienu wegħdu li kulħadd f'Malta jsib ix-xogħol produttiv u li jgħodd għalih.

Meta l-Gvern Soċjalista fl-1972, wara kriżi ta' disa' xhur fil-pajjiż, kienu ħolqu l-ewwel Korp tax-Xogħol, sejħulu ta' l-"Emerġenza" għax qalu li kien hawn emerġenza minħabba t-tilwima mal-Gvern Ingliż, u sa sena wara kulħadd kellu jsib ix-xogħol produttiv u li jgħodd għalih.

Minn mindu telgħu fil-Gvern għaddew is-snin, il-Korpi waslu biex jispiċċaw. Dawk li hemm fihom, f'dawn il-ġranet, irċevew mingħand il-Gvern l-aħbar li ser jispiċċaw u qalulhom li se joffrulhom ix-xogħol.

Lil dawn in-nies, li ħafna minnhom kienu mas-servizzi Ingliżi u kapaċi jaħdmu f'sengħa, qalulhom biex imorru ma' li scammel jiġbru ż-żibel.

Il-Partit Nazzjonalista, ix-xogħol ta' min jiġbor iż-żibel, jistmah bħal kull xogħol ieħor. Jistma lil dawk kollha li jaqdu 'l-poplu tagħna b'dan il-mod, bħala ħaddiema bid-dinjità kollha tagħhom.

Imma ma jgħidulniex li f'dal-pajjiż spiċċa l-problema tal-qgħad, jekk lil dawk li ma sabulhomx xogħol, qed jgħidulhom li jew imorru jikinsu jew inkella xogħol għalihom m'hemmx.

Hemm bżonn li l-Partit Nazzjonalista jneħħilhom il-maskri. Jikxef il-verità ta' l-affarijiet. Jgħidu li l-problema tal-qgħad spiċċa u li n-numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol huwa tant.

Veru li dan in-numru huwa baxx imma l-poplu jrid ikun jaf għaliex huwa daqshekk baxx. Jgħidu li minn sena għall-oħra n-numru ta' dawk li jaħdmu qed jiżdied. Imisshom jgħidu li qed jiżdied in-numru ta' dawk li għandhom il-'work book".

Ħafna nies spiċċaw bla xogħol tort ta' l-amministrazzjoni ħażina ta' dan il-Gvern, kienu wegħduhom xogħol produttiv. Iżda x'għamlu dawn? Illum dawk li jaħdmu mal-Gvern qed jiżdiedu tant li n-numru tagħhom żdied bl-eluf.

Lil dawk kollha li llum m'għandhomx xogħol jew li ddaħħlu mal-Gvern avolja ma kienx hemm bżonnhom, jien infakkarhom li l-Gvern Nazzjonalista qatt ma keċċa lil ħadd mix-xogħol tiegħu.
*(applawsi)*

U Gvern Nazzjonalista lil dawn in-nies inwegħduhom li ma jkeċċi lil ħadd minnhom mix-xogħol. Lill-poplu iżda rridu nispjegawlu x'qed jiġri, għax jekk dan il-Gvern ma solviex il-problema tal-qgħad u minflok qed jimpjega lin-nies hu, dan l-iżball tiegħu qed iħallsu l-poplu Malti bit-taxxi li l-Gvern jiġbor mingħandu.

### GVERN NAZZJONALISTA MA JKEĊĊI LIL ĦADD

**Gvern Nazzjonalista ma jkeċċi lil ħadd mix-xogħol iżda jagħmel mod li f'dan il-pajjiż veru li jkun hawn ix-xogħol produttiv, skond il-kapaċitajiet ta' dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol.**

Meta wieħed jitkellem fuq il-qasam tax-xogħol ma jistax ma jsemmix il-qasam tar-relazzjonijiet industrijali. Is-soċjalisti ppreżentaw ruħhom quddiem il-poplu bħala l-paladini jew dawk li l-aktar jiddefendu d-drittijiet tal-ħaddiema.

Illum il-poplu lil dawn jiġġudikahom mhux fuq id-disa' snin tal-paroli imma fuq id-disa' snin tal-fatti. X'għamlu dawn in-nies fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali?

Il-mod tal-Gvern tagħhom

huwa l-frosta u t-tagħjir. Dawn mhux djalogu jagħmlu mal-ħaddiema, jew ma min ma jaqbilx magħhom. Il-frosta biss jafu jużaw. Il-ħaddiem jekk tkellmu bil-frosta, ma jagħtikx il-produttività li int tistenna minnu.

U biex ikunu jistgħu jwettqu dak li verament jemmnu fih, biex jikkontrollaw kollox huma direttament, waslu biex għamlu l-għaqda bejn l-akbar union tal-pajjiż u l-partit tagħhom. Din tibqa' mniżżla mhux biss fl-istorja ta' pajjiżna imma tad-dinja għax f'ebda pajjiż ieħor ma saret ħaġa bħal din.

Il-G.W.U., union kbira li fl-imgħoddi qdiet id-doveri tagħha u akkwistat ħafna drittijiet għall-ħaddiema, f'daqqa waħda sabet ruħha fil-Gvern, saret pupu f'idejh u m'għadhiex taqbeż għad-drittijiet tal-ħaddiema membri tagħha, iżda union li tara li l-programmi tal-Gvern jitwettqu. Din hija l-funzjoni llum tal-GWU.

Meta nitkellmu fuq il-qasam tar-relazzjonijiet industrijali ma nistgħux ma nsemmux, kif issemma fl-ewwel mozzjoni li ddiskutejna: il-parteċipazzjoni. It-tisħiħ veru tal-ħaddiema fil-proċess ekonomiku tal-pajjiż. It-tisħiħ tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Il-parteċipazzjoni vera.

U hawn ukoll il-poplu Malti jrid iħares lejn id-disa' snin ta' dan il-Gvern u jara kemm kliem fieragħ qal fuq il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Qal li se jagħti l-industrii f'idejhom, iħalluhom imexxu huma biex imbagħad jieħdu l-profitti.

**IT-TARZNA**

Tafu x'ħadu? Ħafna ħadu s-sensji u baqgħu bla xogħol. U dawk li ma ħadux is-sensji tafu minn xiex għaddew u minn xiex għaddejjin. U meta ngħidu nafu minn xiex għaddejjin żgur li tifhmu bħali li qed nirreferi għal dak li ġara dan l-aħħar, fit ilu fit-Tarzna, fit-Tarzna tal-ħaddiema, fit-Tarzna mmexxija mill-Kunsill tat-Tarzna. Minn Kunsill tat-Tarzna li f'daqqa waħda jsib li l-Prim Ministru poġġa fuqu Kumitat ieħor mingħajr biss qalilhom. Kunsill li f'daqqa waħda jkollu joqgħod għal dak li jiddettalu u jiddeċiedi għalih il-Prim Ministru minn Kastilja.

Qed ngħid Kunsill tat-Tarzna; il-Kunsill, iva, minbarra wieħed. Furtu Selvatico (**applaws kbir mill-Kunsillieri li qamu bil-wieqfa**) illi jiena dalgħodu ħadt pjaċir naqra fil-gazzetti konferenza stampa li għamel huwa bħala membru tal-Kunsill tat-Tarzna biex il-ħaddiema tat-Tarzna jkomplu jifhmu, u jiena ċert li kollha jifhmu (applaws) li Furtu Selvatico llum qiegħed verament iħares l-interessi tagħhom.

**L-oħrajn saru pupi bl-ispaga li jġebbidilhom il-Prim Ministru minn Kastilja u jbaxxu rashom għalih (applaws). Furtu Selvatico fil-Kunsill tat-Tarzna qiegħed hemm jirrappreżenta lill-maġġoranza tal-ħaddiema li tagħtu l-vot. Qiegħed hemm mhux biex jiddefendi l-interessi tal-Partit Nazzjonalista imma qiegħed hemm biex jiddefendi l-ħaddiema sħabu u aħna nsellmulu talli kellu l-kuraġġ jagħmel hekk.**

*(applawsi)*

Aħna biex nigbdu l-appoġġ lejna tal-ħaddiema tat-Tarzna m'għandniex bżonn indaħħlu l-politika fit-Tarzna. Aħna qatt ma ridna ndaħħlu l-politika fit-Tarzna. Huma daħħluha fl-imgħoddi l-politika fit-Tarzna. Huma fl-imgħoddi sservew bil-ħaddiema tat-Tarzna biex jiksbu l-poter. Huma ttradew lill-ħaddiema tat-Tarzna meta konna fil-Gvern.

Aħna konna għidna lill-ħaddiema li għandna fiduċja fihom. Aħna nemmnu li kapaċi verament li jmexxu t-Tarzna b'mod li jaqilgħu l-flus għalihom u għall-pajjiż. U għadna nemmnu dan illum. M'għandniex bżonn li lill-ħaddiema tat-Tarzna nagħmluhom Nazzjonalisti. M'għandniex bżonn li lill-ħaddiema tat-Tarzna nifirduhom bil-politika.

Aħna ngħidulhom biss: għandna fiduċja fikom. Għandna fiduċja li jekk intom tfittxu l-interessi tagħkom u mhux l-interessi tal-partit jew l-interessi ta' Ġorġ Agius, li llum ittradikom, aħna ngħidulhom li intom ukoll, bħal tant oħra ħutna Maltin, tindunaw li l-partit l-ieħor l-għajta biss għandu tal-ħaddiema.

**Il partit l-ieħor għandu biss l-għajta tal-ħaddiema biex jingannakom. Imma jekk intom tridu verament li t-Tarzna tagħkom, li jekk tridu li bħala ħaddiema tat-Tarzna tiġu rispettati, jekk intom tridu li t-Tarzna verament timxi 'l quddiem, wasal iż-żmien li intom ukoll b'maġġoranza kbira l-vot tagħkom tagħtuh lilna f'elezzjoni oħra.**

*(applawsi)*

**IL-ĦADDIEMA TAL-GVERN**

Fil-qasam tax-xogħol hemm settur ieħor li għadda minn kalvarju ieħor fid-disa' snin li għaddew. Huma l-ħaddiema tal-Gvern stess. Ħafna minnhom sofrew minn diskriminazzjoni, bit-transfers inġusti li għamlulhom. Sofrew 'charges' inġusti li għamlulhom. Oħrajn ma tawhomx il-'promotions' li kien jistħoqqilhom.

Ħafna minnhom sofrew għaliex inqabżu fil-promotions li ngħataw. Imma kollha llum nista' ngħid li qed isofru minn ħaġa oħra, min-nuqqas ta' rispett, min-nuqqas ta' stima.

Dari l-poplu Malti kien kburi bl-impjegati tal-Gvern tiegħu. Konna niftaħru li kellna servizz ċivili, servizz ta' ħaddiema tal-Gvern effiċjenti li kien jagħmlilna unur. Araw daqsxejn x'ġara fid-disa' snin li għaddew.

Kemm ħaddiema mal-Gvern kellhom jitilqu! Min irriżenja



**Eddie Fenech Adami milqugħ biċ-ċapċip kif daħal fis-sala biex jagħmel id-diskors tiegħu fis-sessjoni ta' l-egħluq tal-Kunsill Generali.**

għax ma felaħx iktar. Min marad u kellu jitlaq minħabba l-mard.

Illum ħemm żgur ħaġa waħda li jirrikonoxxiha kulħadd: li fis-servizz ċivili, fis-servizz tal-Gvern għandna ħaddiema demoralizzati. għandna impjegati li tilfu kull inizjattiva, għandna ħaddiema li llum iħossu li m'għadhomx stmati iżjed.

U aħna għal dan kollu filqasam tax-xogħol irridu noffru l-alternattiva tagħna. Lil dawk li llum huma bla xogħol jew li ngħataw xogħol li ma jixraqx lilhom għax kapaċi jagħtu xogħol aħjar ta' kwalità oħra li tawhom. Aħna l-ewwelnett nerġa' ntenni l-wegħda tagħna li bħal fl-imgħoddi aħna ma ntellfu lil ħadd il-ħobża tiegħu li jaqla' bl-għaraq ta' xbinu fuq ix-xogħol.

**Imma nwegħdu wkoll li l-ħidma tagħna tkun diretta biex jinkiseb xogħol fil-pajjiż, xogħol li jkun xieraq lil kulħ min ikun qiegħed ifittex ix-xogħol skond il-kapaċitajiet individwali tiegħu.**

**WEGĦDA LILL-UNIONS**

Aħna lill-Unions, lil dawk kollha li jirrappreżentaw lill-ħaddiema, inwegħdulhom rispett u djalogu Lill-Unions kollha ngħidulhom li aħna lesti li nirrispettawhom, lesti li nitkellmu magħhom, lesti li nippjanaw magħkom. Imma b'kundizzjoni waħda biss: li intom timxu skond l-aħjar interessi tal-ħaddiema li tirrappreżentaw u fl-interess ġenerali tal-pajjiż.

Kull union li tagħmel dan ikollha r-rispett tagħna. Imma mhux bil-kliem biss għax diġà smajt bil-kliem fil-preżenza tiegħi lis-Segretarju Ġenerali tal-GWU jgħid li huwa u l-Union tiegħu lesta li tikkopera ma' kull gvern anke ma' Gvern Nazzjonalista. Jiena ħadt pjaċir meta qalha għaliex ċertament ir-rimarka kienet tirrifletti l-ħsieb tiegħu li mhux 'il

bogħod iż-żmien meta aħna nkunu fil-Gvern (applaws). Imma jiena ngħidlu li l-kliem mhux biżżejjed u bil-kliem mhux se jipperswadina.

**Bil-kliem mhux se jipperswadina. Irid jurina bil-fatti li huwa ma jaqbilx ma' dak li għamlet il-Union tiegħu stess meta ntrabtet u saret ħaġa waħda ma' partit politiku aħna ma nkunux nistgħu nistmawha bħala union imma nistmawha bħala partit.**

*(applawsi)*

Lill-ħaddiema tal-Gvern, dawk li huma fis-servizz ċivili, aħna ngħidulhom li l-politika tagħna tkun waħda: li lilhom terġa' tagħtilhom ir-rispett li jixirqilhom, li lilhom terġa' ġgiegħlhom iħossuhom li verament jistgħu jagħtu kontribut siewi lin-nazzjon.

**Ikun hemm bżonn ta' ħafna riformi x'isiru. Ikun hemm bżonn ta' riorganizzazzjoni li trid terġa' ssir biex min verament jagħti l-kontribut siewi jiġi rikonoxxut lilu dan il-fatt. Biex verament kull min jaħdem għall-Gvern iħoss li qiegħed jaħdem fl-interessi tal-pajjiż u jkollu l-opportunità li juża l-inizjattiva tiegħu biex huwa wkoll iġib 'il quddiem il-ġid komuni, il-ġid tal-pajjiż"**

*(applawsi)*

Hawnhekk il-Kap Nazzjonalista għadda biex jitkellem dwar il-qasam ta' l-edukazzjoni. Huwa qal li "l-poplu Malti kollu llum żgur li rrealizza l-falliment totali, il-falliment sħiħ fil-qasam ta' l-edukazzjoni. U hawn wieħed irid jagħmel mistoqsija: għaliex il-Gvern falla fl-edukazzjoni?

**L-EDUKAZZJONI**

Meta ngħidu li falla fil-qasam tax-xogħol, li jipprovdi xogħol għal kulħadd, forsi falla minkejja li pprova jagħmel xi ħaġa. Imma jien nistaqsi għaliex falla fil-qasam ta' l-edukazzjoni, partikolarment ta' l-edukazzjoni għolja, ta' l-edukazzjoni terzjarja?

Għaliex daħħal dawn ir-riformi, 'l hekk imsejħa riformi li llum għaddej minnhom il-pajjiż f'dan il-qasam? Jien nissuspetta li dak li qal xi ħadd, li hawn Malta kien hawn min qal li trid toqgħod attent għaliex l-edukazzjoni hija ġelatina, nissuspetta li r-riformi li saru kellhom dan il-kunċett, dan il-ħsieb warajhom.

Ma jaqbilx, irraġuna xi ħadd, li f'Malta jkollok verament nies preparati, nies li kapaċi jaqdfu għal rashom, nies li kapaċi jmeruk, nies li kapaċi jgħidulek li qed tgħid il-ħmerijiet u aqtagħha.

*(applawsi)*

Jara l-poplu Malti hux għalhekk li kien hawn dan il-falliment fil-qasam ta' l-edukazzjoni terzjarja. Iżda mhux biss hemm kien il-falliment. Falliment li nrikonoxxewh huma stess, il-Prim Ministru fil-Parlament ftit wara l-aħħar elezzjoni, meta qal li ħadna falza stikka fl-edukazzjoni sekondarja.

**RIŻULTAT**

Imma bħas-soltu, mhux tort tiegħu qal, għaliex ħadna falza stikka ma' ħafna gvernijiet ta' ħafna pajjiżi oħra.

Fl-iskola Sekondarja ħadu falza stikka fl-ewwel ħames snin. U x'kien ir-riżultat? Ir-riżultat kien li l-iskejjel sekondarji tal-Gvern ma baqgħux dawk li kienu. L-iskejjel sekondarji tal-Gvern ma baqgħux fil-livell ta' tagħlim li kellu bżonn il-Poplu Malti għal uliedu.

U x'ġara? Ġara li f'daqqa waħda kien hemm mewġa sħiħa ta' ġenituri li riedu jdaħħlu t-tfal tagħhom fl-iskejjel privati, fl-iskejjel partikolarment sekondarji privati. U ġara li l-iskejjel privati bdew ma jistgħux ilaħħqu aktar mat-talba ta' dawk li jridu jidħlu għandhom.

Rajna f'dawn l-aħħar snin eżamijiet kompetittivi biex tfal żgħar ta' disa' u għaxar snin jibdew skola sekondarja. Dawn kellhom joqogħdu għal eżamijiet mill-aktar kompetittivi u l-aħjar bdew jidħlu fl-iskejjel privati.

L-effett x'inhu? L-effett jafu l-poplu Malti. Illum l-iskejjel privati sekondarji qed joffru sistema tagħlim aħjar minn dak li għandu l-Gvern fl-iskejjel tiegħu.

Issa l-Gvern qabdu paniku u qed jgħid li dawn l-iskejjel privati hemm bżonn li jsiru b'xejn għaliex bħekk biss jista' jkun hemm l-għażla vera.

**Fuq l-għażla aħna ninsistu. Huwa prinċipju fundamentali għalina li anke fil-materja ta' l-edukazzjoni m'għandux ikun hemm il-kontroll assolut tal-Gvern, m'għandux ikun hemm biss l-iskejjel statali imma għandu jkun hemm ukoll skejjel privati.**

*(applawsi)*

Għalina huwa dan il-prinċipju fundamentali u jiena ċert li l-Gvern bil-mezzi kollha ta' propaganda li għandu f'idejh mhux se jirnexxielu jidħaq bil-poplu Malti u jbellagħlu li huwa jrid li l-iskejjel privati jsiru b'xejn biex kulħadd ikollu l-istess opportunità.

Fil-fatt nafu li fl-iskejjel privati jidħlu t-tfal kollha li japplikaw u jkunu kapaċi jiġu minn ta' quddiem skond in-numru ta' tfal li jkunu jistgħu jidħlu. Nafu li għalkemm veru jitħallsu l-miżati fl-iskejjel privati, dawn m'humiex xi miżati li bl-għoli tal-ħajja li aħna mdorrijin bih huma esaġerati u miżati li min irid ma jkunx jista' jiflaħ għalihom.

U allura wkoll hawnhekk irridu nikxfu l-maskra tal-Gvern u ngħidulu: toqgħodx tisserva la bil-Knisja, la bl-Arċisqof u bla ħadd. Il-problema hija waħda. F'Malta għandu jkun hawn jew m'għandux ikun hawn skejjel privati? U **r-risposta tagħna**

hija IVA, għandu jkun hawn.
*(applawsi)*

**Jien nerġa ngħid lill-Gvern biex ma joqgħodx jiddiskuti ma' l-Arċisqof xejn; l-Arċisqof m'għandux x'jaqsam f'dan il-problema. Dan il-problema hu politiku, huwa tagħna u aħna, il-Partit Nazzjonalista, qegħdin ngħidu li l-iskejjel privati qegħdin hemm u se jibqgħu hemm.**

*(applawsi)*

**U meta qed ngħidu li se jibqgħu hemm, m'aħniex qed ngħidu sena u nofs oħra nerġgħu nifthuhom imma se jibqgħu hemm minn issa sa meta nkunu fil-Gvern aħna wkoll.**

*(applawsi)*

Fuq l-Università diġà għidt xi ħaġa dwar il-finijiet u l-iskopijiet tar-riformi. Dubju li bilfors jiġi lil kull min iħaddem rasu. Aħna jidhrilna li s-sistema addottata hija n-negazzjoni, iċ-ċaħda ta' edukazzjoni Universitarja vera għal uliedna.

Aħna ma nemmnux li l-korsijiet fl-Università għandhom ikunu biss dawk utilitarji, jiġifieri li direttament jistgħu jagħtuk xogħol. Jidhrilna li l-Università tkun verament il-post fejn l-istudent, fejn iċ-ċittadin Malti jiftaħ moħħu, fejn iċ-ċittadin Malti jkabbar il-kwalitajiet tiegħu, fejn iċ-ċittadin Malti verament jilħaq grad ogħla ta' intelliġenza ta' mod kif jiġġudika l-affarijiet.

U għalhekk aħna inwiegħdu li għar-rigward ta' l-Università, jerġa' jkollna Università vera li tagħti t-tagħlim kif suppost li jingħata f'Università. Aħna fuq l-iskema ta' student-ħaddiem tkellimna diversi drabi.

Aħna m'aħniex kontra li l-istudenti jaħdmu. M'aħniex kontra li l-istudenti jkollhom esperjenza tax-xogħol. Imma aħna kontra l-mod kif is-sistema qed jiġi mħaddem. Kontra l-mod li jkun hemm il-parrinu biex tkun tista' tidħol fl-Università ta' pajjiżek.

## Qegħdin ngħidu li l-iskejjel privati qegħdin hemm u jibqgħu hemm!

Aħna kontra l-mod li trid tagħmel sitt xhur suppost titgħallem. U ngħid 'suppost' għax l-esperjenza urietna li f'dawk is-sitt xhur ma tistax titgħallem kemm suppost. Imbagħad tagħmel sitt xhur taħdem. Ma' dan is-sistema ma naqblux.

### NGĦINU lill-ISTUDENTI

Naqblu li jkun hemm xi sistema ta' parteċipazzjoni b'xogħol mill-istudenti partikolarment dawk li jkunu jridu. Aħna lill-istudenti ngħinuhom finanzjarjament. Ngħinuhom kif konna qegħdna fil-miżura li jkollhom bżonn imma l-iskop ewlieni tal-politika tagħna jkun li verament jerġa' jkollna Università li tixirqilna, bħalma kellna, u li tant konna niftaħru biha.

Aħna l-edukazzjoni ma nħarsux lejha bħal dak li jaħseb li hija l-ġelatina. Inħarsu lejha bħala l-aqwa investiment li l-Gvern u l-pajjiż jista' jagħmel. Aħna pajjiż żgħir mingħajr riżorsi naturali u rridu bilfors naqgħu fuq din l-unika riżorsa li jista' jkollna. Din hija l-edukazzjoni ta' uliedna li naraw li jkunu kapaċi 'l quddiem jikkontribwixxu għall-ġid tagħhom, tal-familji tagħhom u ta' pajjiżhom.

### IL-QASAM SOĊJALI

Id-diversi mozzjonijiet li kellna tkellmu fuq il-qasam soċjali. Meta titkellem fuq il-qasam soċjali l-ewwel idea li tiġik f'moħħok, għaliex hekk jipprovaw ibellgħuha kontinwament, li l-qasam soċjali jfisser biss servizzi soċjali. Fil-qasam tas-servizzi soċjali, kontinwament il-poplu Malti huwa bumbardat bl-għajta li l-partit l-ieħor huwa l-partit tas-servizzi soċjali, li partit l-ieħor huwa l-partit li jaħseb fil-morda, fl-inkapaċitati, f'dawk li m'għandhomx xogħol u fix-xjuħ.

**Dan huwa kollu gideb u nisfidawhom jekk qatt Gvern Nazzjonalista, xi darba, naqqas xi servizzi soċjali lill-poplu Malti kif għamlu huma fid-disa' snin li għaddew.**

### IS-SERVIZZI SOĊJALI

Is-servizzi soċjali m'huma monopolju ta' ħadd. Il-P.N. fil-Gvern għamel li seta' biex itejjibhom kemm dam jiggverna u nerġa' ngħid — għaliex aktar ma toqrob l-elezzjoni, ma jonqsu qatt l-għajdut tal-Laburisti li jekk jitilgħu n-Nazzjonalisti jneħħu l-pensjoni, ma jagħtux aktar l-allowance tat-tfal — lill-poplu Malti jiġġudikana fuq l-imgħoddi meta qatt ma naqqasna servizz soċjali wieħed, jiġġudikana wkoll f'dak li llum aħna qegħdin ngħidu, li f'pajjizna bilfors irid ikun hemm servizzi soċjali li jridu jwasslu lill-pajjiz għal ġustizzja soċjali fil-liberta'. Ġustizzja soċjali fil-liberta', li hija l-għajta li fuqha aħna rridu nkomplu nibnu s-sistema tal-għajnuniet li rridu nagħtu lill-poplu. Ġustizzja soċjali fil-liberta', għaliex anke f'dan il-qasam, fid-disa' snin li għaddew, rajna li mhux diffiċli li tkollok sistema ta' Gvern li bl-għajta tal-ġustizzja soċjali, tas-servizzi soċjali, issib li qegħdin jitnaqqrulek libertajiet oħra.

*(applawsi)*

Wasal forsi wkoll iż-żmien li l-poplu Malti jibda jifhem sewwa x'inhu jħallas u x'inhuwa jieħu biex jieħu dawn is-servizzi soċjali. Il-lum il-bolla tas-Sigurtà Nazzjonali m'għadhiex li kienet. Il-lum il-bolla flok saret is-sistema li kienet intiza biss biex tagħti u tiggarantixxi dawk l-

għajnuniet li hemm fin-National Insurance Act, fil-fatt, il-ħlas tal-bolla sar mezz li bih il-Gvern jiġbor il-flus għall-bzonnijiet tiegħu.

**Illum, fil-Budget tal-Gvern, waħda mill-ikbar items singoli ta' "revenue" għall-Gvern hija ezattament in-National Insurance. Din is-sena huwa stmat li min-National Insurance jingabru £M38,000,000.**

L-istess għal dawk li huma pensjonijiet. Il-Gvern qed jagħti l-impressjoni li għamel xi ħaġa kbira għaliex ta l-pensjoni taz-zewġ terzi lil kulħadd. Mhux veru li s'issa kulħadd għandu l-pensjoni taz-zewġ terzi tas-salarju ta' impieg li rtira bih skond is-salarju kif inhu llum. Mhux biss, imma b'dik il-pensjoni taz-zewġ terzi hemm nies li sofrew għax tnaqqsulhom id-drittijiet tagħhom u l-pensjoni hija wkoll servizz soċjali. F'Malta hawn l-eluf ta' ħaddiema li tnaqqsulhom id-drittijiet tagħhom ta' pensjoni. Hemm eluf ta' ħaddiema li ma ħadux iz-zidiet li qabel kien jisthoqqilhom. Illum baqgħu ma ħaduhomx. Hemm eluf li veru zdiedet il-pensjoni tagħhom, imma zdiedet b'ħaġa zgħira.

Hawn ukoll, lill-poplu Malti ngħidulu, biex jara sewwa li ma jiġix ingannat. Hares lejn ir-record tagħna u r-record tagħhom. Hares lejn dak li nemmnu aħna u dak li jemmnu huma. Ir-record tagħhom huwa li biex ziedu xi ftit pensjonijiet naqqsu d-drittijiet ta' ħafna oħrajn. Aħna dan qatt ma emminih. Il-prinċipju tagħna huwa li l-Gvern — li jrid il-ġid tal-poplu Malti kollu — għandu l-obbligu li jara li kulħadd ikollu l-vera pensjoni xierqa.

Imma ma jidhrilniex li għandu jillimita wkoll kemm wieħed jista' jieħu pensjoni. Ma jidhrilniex li jekk inti tgħid li kulħadd għandu dritt għall-pensjoni taz-zewġ terzi fl-istess nifs tgħid ukoll li ħadd m'għandu dritt għaz-zewġ terzi.

**Il-ħaddiema hawn iridu jiftakru li l-aktar li tolqot din hija lilhom, lill-ħaddiema zgħar partikolarment, għax jekk tieħu lil dawk li qegħdin kwazi fuq il-minimum wage mal-Gvern, li qabel kienu jieħdu l-pensjoni taz-zewġ terzi mill-Gvern u jieħdu n-National Insurance, illum qalulhom tieħdu z-zewġ terzi u ma tieħdu xejn izjed. Huma l-pensjonijiet l-aktar zgħar li ntlaqtu l-aktar ħazin.**

**L-INCOME TAX**

Meta nsemmu s-servizzi soċjali rridu niftakru wkoll li s-servizzi soċjali jitħallsu mill-Gvern. Imma l-Gvern tfisser, li l-Gvern iħallas mit-taxxi li jiġbor minn fuq il-poplu Malti. U hawn ukoll ma nistgħux ma nsemmux it-taxxa fuq l-income, li llum saret tolqot lil kulħadd. Illum saret tolqot tista' tgħid lil kull min jaħdem, kultant anke lil min ma jaħdimx.

Wasalna fis-sitwazzjoni redikola li llum l-income tax tolqot lil dawk li jieħdu l-għajnuna nazzjonali, jiġifieri lil dawk li skond il-liġijiet tal-pajjiz m'għandhomx mezzi bizzejjed biex jgħixu diċentement. Dawn illum ukoll huma milquta mill-income tax. L-istess tolqot lix-xjuħ li ma jeħdux il-pensjoni tan-National Insurance imma għadhom jieħdu l-pensjoni mhux kontributorja taħt il-liġi ta' l-1948. Dawn ukoll illum qegħdin iħallsu, ftit veru, imma lilhom ukoll qed tolqot it-taxxa.

Il-Mexxej Nazzjonalista qal ukoll li meta nitkellmu fuq il-qasam soċjali ma rridux niftakru biss fis-servizzi soċjali. Fil-qasam soċjali għandna nikkunsidraw il-livell u l-mod tal-għixien tagħna. Il-poplu Malti, jiena ċert, li se jħares lejn dawn id-disa' snin u jara daqsxejn kif għexna fihom. Jekk hawn xi ħaġa li dal-Gvern se jibqa' mfakkar għaliha huma l-queues li jinħolqu minn zmien għal zmien.

Din hija proprju indikazzjoni ta' l-inefficjenza ta' dan il-Gvern li fl-1980 biex tixtri kilo zokkor trid tmur toqgħod fil-queue, jagħtuk il-kupun, biex wara tibdlu ma' tal-ħanut. Din proprju turi l-mod tal-għixien li rriduċina fih dan il-Gvern.

Jekk wieħed jara l-livell tal-għixien tagħna ma jistax ma jikkummentax fuq ir-restrizzjonijiet zejda li hawn fil-pajjiz u li qegħdin kontinwament joħolqu skarsezzi artifiċjali. Skarsezzi artifiċjali mhux għaliex il-prodotti jkunu nieqsa Malta, artifiċjali għaliex fis-swieq internazzjonali ma jkunx hemm in-nuqqas. Illum m'hawnx in-nuqqas taz-zokkor fid-dinja. In-nuqqas qiegħed fid-dipartiment ta' Patrick Holland, tal-Bulk Buying, li forsi għaliex waħda mir-raġunijiet għaliex ħasbu li se jaħilbu, għaliex qalu li hawn in-negozjanti, dawk li huma jsejħu ħallelin, għaliex jagħmlu l-profitti, u qalu li huwa sewwa li l-Gvern ħa l-bulk buying f'idejh, u se jimporta z-zokkor u ara kemm se naħilbu eluf ta' liri profitti. Dan huwa proprju mod ieħor biex bl-iskuza li jzommu l-prezzijiet baxxi, flok ma qegħdin jzommuhom baxxi, qegħdin jgħolluhom.

**STABILIZATION FUND**

Ikoll illum smajtu fuq 'l hekk imsejjaħ "stabilization fund." Il-lum, jekk negozjant iġib prodott minn barra, il-Gvern, spiss u spiss ħafna jgħidlu, tbiegħux b'dan il-prezz, biegħu ogħla u d-differenza tmur għand il-Gvern f'li "stabilization fund". Huwa qal li mill-Financial Report jirrizulta fil-31 ta' Diċembru tas-sena l-oħra, li

f'dan il-fond ġdid kien hemm bilanċ ta' aktar minn £M700,000.

Jiġifieri tliet kwarti ta' miljun taxxa li l-Gvern għamel fuq il-poplu Malti mingħajr ma mar fil-Parlament jitlob biex jagħmel it-taxxi. Qed jiġborhom hu mingħajr ma l-poplu Malti jkun jaf.

Għalhekk hemm bzonn li anke f'dan il-qasam nikxfu l-maskra tal-Gvern u ngħidulu: veru, kulħadd jaqbel li l-Gvern għandu d-dmir li jikkontrolla l-għoli tal-ħajja, imma l-politika tiegħek tal-"bulk buying" u issa wkoll b'li "stabilization fund", għamel politika li flok tikkontrolla l-prezzijiet qed tgħolli l-prezzijiet u tiġbor it-taxxi biex ikollu l-flus f'idejh ħa jpatti għar-rovina li għamel fil-pajjiz.

**IL-KORRUZZJONI**

Fil-qasam soċjali ma tistax ma titkellimx fuq il-fenominu li llum jezisti f'pajjizna: dak tal-korruzzjoni. Illum mhux ħlief tisma' li biex tieħu dak li hu tiegħek, jew kultant biex tieħu dak li mhux tiegħek, hemm bzonn tkellem lil xi ħadd. Hemm bzonn tagħmel sħab ma' xi ħadd li huwa ħabib ta' xi ħadd. Hemm bzonn li tmur tkellem lil xi ħadd biex ikellimlek lil xi ħaddieħor li hu ħabib ta' xi ħaddieħor. Hekk sejrin l-affarijiet fil-pajjiz u d-dover tagħna huwa li dawn l-affarijiet nitkellmu fuqhom.

*(applawsi)*

Aħna d-Deputati fil-Parlament hekk għamilna. Ilna iktar minn sena li għamilna mozzjoni biex il-Parlament jinvestiga l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni magħmula kontra d-dipartiment tal-Kummerċ, fis-sezzjoni tal-'Bulk Buying'. Allegazzjonijiet mhux ħloqnihom aħna imma li qegħdin bil-miktub f'rapport ta' l-awditur. Ilna aktar minn sena, kull xahar,

# Inkjesta ma jagħmilhiex Ministru fuq Ministru ieħor sieħbu!

niffirma jien biex inġedded dik il-mozzjoni ħalli ssir inkjesta mill-Parlament.

**Aħna inkjesta rridu, biex toħroġ il-verità. Inkjesta biex toħroġ il-verità ma jagħmilhiex Ministru fuq Ministru ieħor sieħbu. Forsi kien hemm Ministru li ried jagħmilha u llum m'għadux hemm!**

*(applawsi)*

Il-Kunsill approva wkoll mozzjoni oħra li titlob lilna d-deputati, u lill-Perit Spiteri in partikolari, li huwa wkoll jitlob inkjesta fuq l-għajdut kontinwi li jixxerdu ma' Malta kollha ta' affarijiet irregolari in konnessjoni ma' permessi tal-bini. Jekk m'hemmx x'jaħbu għandhom jaċċettaw li ssir inkjesta. Jekk l-inkjesti ma jsirux allura r-responsabbilta' għall-korruzzjoni mhix biss ta' dawk li ġew korrotti imma wkoll ta' dawk li d-dmir tagħhom huwa li jagħmlu l-inkjesti u ma jridux jagħmluhom!

**ID-DRITTIJIET TAN-NISA**

Fil-qasam soċjali ddiskutejna mozzjoni oħra li tittratta dwar id-drittijiet tan-nisa, u l-qagħda tal-mara fis-soċjeta' Maltija. Hemm bzonn li nibdew hawnhekk ukoll naħsbu aktar bis-serjeta' dwar il-qagħda tal-mara fis-soċjeta' Maltija. L-enfasi donnha llum fuq ix-xogħol li tagħti l-mara. Fuq ix-xogħol produttiv, fis-sens li l-mara tmur taħdem f'xi fabbrika x'imkien fejn tagħti direttament xogħol produttiv. Aħna naqblu li n-nisa Maltin anke dawk mizzewġa, jekk iridu, ikollhom l-opportunita' li jsibu x-xogħol.

F'dan il-qasam jekk wieħed jagħmel paraguni ma' ħafna pajjizi ta' l-Ewropa, isib li aħna għadna proprju 'l isfel nett f'dan ir-rigward. In-numru ta' nisa jaħdmu fil-pajjiz, paragunat ma' dawk kollha li jaħdmu, għadu baxx u għad hemm lok li n-nisa Maltin jikkontribwixxu aktar f'numru akbar u direttament għall-ekonomija tal-pajjiz.

Dan huwa kollu minnu imma ma rridux nesaġeraw din in-naħa u ma nirrikonoxxux is-sehem siewi li jagħtu n-nisa fid-dar. Illum fil-pajjizi progrediti kollha n-nisa li jaħdmu fid-dar qiegħed jiġi rikonoxxut lilhom dan il-fatt li huma wkoll, anzi forsi huma b'mizura akbar qegħdin jagħtu lil pajjizhom, lill-ġid komuni, kontribut ekonomiku wkoll mill-akbar. Il-mara tibqa' d-dar, tieħu ħsieb tal-familja, qiegħda mhux biss tgħin lill-familja tagħha, lil zewġha u lil uliedha, imma qiegħda wkoll tagħti servizz lill-poplu.

Dan għandu jiġi rikonoxxut ukoll. Illum qed tiġi msejħa diskriminazzjoni dik li mara għax tmur taħdem għandha ċerti drittijiet u benefiċċji. Benefiċċji għat-tiela u għall-mard u l-mara li toqgħod id-dar u tikkontribwixxi hija wkoll bil-ħidma tagħha m'għandhiex dawk id-drittijiet. F'dan il-pajjiz irridu nibdew naħsbu biex dawn l-affarijiet nifhmuhom aktar bis-serjeta' u nwettqu wkoll man-nisa tad-dar il-ġustizzja soċjali li aħna rridu għal kulħadd.

Issemmew ċerti nuqqasijiet fil-liġijiet ċivili li għandna fil-pajjiz. Huwa veru li ftit tas-snin ilu saru xi emendi imma jien kont għidt, dakinhar fil-Parlament u għadni nemmen, li dawk l-emendi kienu biss paraventu, kienu biss jagħtu xejra li l-affarijiet tbiddlu,


KUNSILL
GENERALI





mentri fis-sustanza l-qagħda tal-mara mizzewġa ma tibdlet kwazi xejn u hemm bżonn ukoll li nagħtu l-attenzjoni tagħna għal dan.

### IL-KWISTJONI TAT-TOBBA

Fil-qasam soċjali hawn żewġ problemi oħra, li ma jistax ikun li l-poplu Malti jinsihom. Il-problema tat-tilwima mat-tobba li ċaħħdet lill-poplu Malti minn tant tobba u speċjalisti għax kellhom iħallu artna biex imorru jaħdmu f'post ieħor u llum il-Ministru Moran mar jiftaħar bihom li marru jagħtu servizz tajjeb lil pajjiżi oħra. Lil dawk it-tobba l-ewwel irriduhom jagħtu servizz lill-poplu Malti kif aħna ċerti li jixtiequ huma.

**Nixtiequ kieku li din il-problema ma tibqax magħna lanqas siegħa oħra. Lanqas ġurnata oħra. Imma donnu li dal-Gvern biex iwebbes rasu u jippika, lest jissagrifika kollox. Jissagrifika s-saħħa tal-poplu Malti, id-drittijiet taċ-ċittadini Maltin, iberbaq il-flus biex iġib tobba minn barra, basta ma jirranġax it-tilwima li għandu.**

**Nixtiequ kieku li tirranġa ruħha għada imma l-wegħda tagħna tibqa' li jekk ma tirranġax is-sitwazzjoni taħt dal-Gvern aħna nistiednu lura immedjatament lil dawk it-tobba kollha biex jerġgħu jiġu lura f'pajjiżhom u d-drittijiet tagħhom jerġgħu jieħduhom lura kollha. Dak li ngħidu għat-tobba ngħiduh ukoll għal dawk il-professuri u lecturers li llum sabu ruħhom fil-pożizzjoni li huma wkoll kellhom jitilqu minn pajjiżna flok jedukaw lil uliedna. Marru jgħallmu f'pajjiżi oħra. Marru jagħtu s-servizzi tagħhom lil popli oħra. Lilhom ukoll inkunu rriduhom jiġu lura immedjatament biex huma jerġgħu jieħdu posthom fl-Università ta' pajjiżna.**
*(applawsi)*

### L-ISPTARIJIET PRIVATI

Il-problema l-oħra hija ta' l-isptarijiet privati. Hawn ukoll il-Gvern irid jinħeba. Ma jridx igħid il-verità. Irid jipprova jidħak u jinganna lill-poplu. Qed igħid li huwa l-isptarijiet privati jridhom basta jkunu b'xejn. Aħna ngħidulu b'min trid tidħak? Kif jista' jkun sptar iżżommu b'xejn. Hemm mod wieħed kif iżżommu b'xejn. Li jħallas għalih huwa wkoll. U jekk irid jagħmel hekk, mingħajr iżda ma jneħħi l-libertà ta' min ikun qiegħed imexxi, ħalli jagħmlu. Imma ma jinqediex bl-iskuża li għax l-isptarijiet mhumiex b'xejn allura ma jistgħux ikomplu kif inhuma.

Hawn ukoll naraw kwestjoni fundamentali ta' prinċipji. Aħna nemmnu li fis-sistema tas-saħħa għandu jkun hemm sptarijiet privati jekk hawn min irid iżommhom. Aħna, lill-isptarijiet li għal tant snin taw is-servizz tagħhom lill-poplu Malti, nirringrazzjawhom u mhux ngħajruhom. Hadd ieħor jgħajjarhom sangisugi u li qegħdin jerdgħu flus il-poplu. Li qegħdin jibagħtu flus barra minn Malta.

**Aħna niftaħru, insellmu, u nirringrazzjaw lis-sorijiet tal-Blue Sisters u lis-Sorijiet Dumnikani. Nirringrazzjawhom u l-poplu Malti kollu, mingħajr distinzjoni huwa grat tas-servizzi li huma taw fl-imgħoddi. Aħna rridu li s-servizzi tagħhom jibqgħu jagħtuhom lill-poplu Malti.**
*(applawsi)*

Din ukoll mhix problema li jidħol fiha l-Arċisqof jew il-Knisja. Din mhix problema li jiddeċidiha l-Arċisqof mill-Kurja iżda hija problema politika li niddeċiduha aħna. Hija problema li aħna, partit politiku, irridu li l-Isptarijiet Privati jibqgħu jeżistu.

U aħna nappellaw lil min hu responsabbli għal dawn l-isptarijiet biex ma jibżax. Il-għieda jkompliha. Ikompliha mhux fl-interess tiegħu – għax huma m'għandhomx interess li jżommu l-isptarijiet miftuħa — għalina l-Maltin. L-interess huwa tagħna u aħna nirringrazzjawhom meta jiġġieldu mhux għad-drittijiet tagħhom imma għad-drittijiet tal-poplu tagħna.

**U hemm bżonn li l-poplu kollu jifhimha li l-glidiet huma tagħna. Tal-poplu u jrid jurih x'irid. Il-poplu hemm bżonn li jitkellem; hemm bżonn li naqtgħuha li kulħadd jimmuta; hemm bżonn li naqtgħuha li nistennew biss lili u 'l sħabi li nitkellmu fuq affarijiet li jolqtuna. Hemm bżonn li kulħadd, meta għandu d-drittijiet tiegħu, jiġġieled għalihom.**

Għalhekk, hemm bżonn nifhmu li rridu l-isforzi ta' kull wieħed minnha biex id-drittijiet tagħna nżommuhom — id-drittijiet tal-libertà li kull wieħed minnha għandu d-dmir li jiġġieled għalihom.

### IL-VALURI MORALI

Fil-qasam soċjali, l-aħħar punt li rrid insemmi huma l-valuri morali li huma s-sisien, l-ispina dorsali, is-sinsla ta' pajjiż. Moħħna biex nitkellmu fuq id-drogi u ngħidu kemm se' nagħmlu affarijiet biex nagħmlu liġijiet biex id-drogi ma jidħlux f'pajjiżna. Imma min qed jħerri l-morali tal-poplu tagħna mhux veru li huwa jrid li jkollna żgħażagħ tagħna b'saħħithom. Mhux veru li huwa jrid li jkollna żgħażagħ tagħna lesti biex ma jaqgħux għall-perikli li tista' toffri s-soċjetà moderna.

U aħna l-valuri morali tagħna nafu x'inhuma. Il-valuri morali huma dawk li ilhom tagħna għal elfejn sena. U anke hawnhekk iridu jbiddlu l-istorja. Anke hawn smajna lill-Prim Ministru jiġi rappurtat li qal li l-pajjiżi tal-punent, ta' l-Ewropa, imponew fuqna

l-Kristjaneżmu għax qalu li aħna xi darba konna Iżlamiċi. Anke l-Istorja dan irid ibiddel!

Aħna ngħidu lilu u lill-poplu Malti li hemm bżonn jifhmu li din hi problema soċjali wkoll. Jekk il-poplu Malti, jekk iż-żgħażagħ jitilfu l-fibra morali tagħhom, allura għalxejn noqogħdu nitkellmu fuq edukazzjoni sekondarja u terzjarja; għalxejn noqogħdu ngħidu li se' nibnu pajjiż verament b'saħħtu għax jekk ma jkollokx is-saħħa morali ta' kull ċittadin ma tistax tkun pajjiż verament b'saħħtu.

Għalhekk il-wegħdiet tagħna fil-qasam soċjali huma li nerġgħu naqbdu r-ritmu tal progress biex il-livell tal-għejxien tagħna jerġa' jibda jikber. Kien hemm min staqsieni kif meta nkunu fil-Gvern nerġgħu naqbdu r-ritmu ta' żvilupp.

**Jien fiduċjuż ħafna fikom u fil-poplu li jekk inti tagħtih verament l-opportunità li jeżerċita l-inizjattivi tiegħu; jekk inti tiddjaloga miegħu, jekk inti tgħidlu xi trid, lest jirreagixxi. Ċerti li taħt Gvern Nazzjonalista l-bidla li ssir, il-bidla fl-imħuħ, tkun il-garanzija li dan il-pajjiż verament jerġa' jaqbad it-triq tal-progress. Jerġa' jaqbad ir-ritmu tal-progress.**

**IT-TAXXI**

Fil-qasam tat-taxxi hemm ħafna x'wieħed jgħid. Qed naslu biex inkunu wieħed mill-aktar pajjizi taxxati fid-dinja. Mhux biss bit-taxxa ta' l-Income. Il-ġimgħa l-oħra fuq il-Gazzetta tal-Gvern kien hemm pubblikat il-"comparative return" tad-dħul tal-Gvern għall-ewwel erba' xhur tas-sena. Mid-Dwana, per ezempju, mid-dazju fuq affarijiet li nixtru u li nieklu u dak kollu li nimpurtaw minn barra, fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena l-Gvern ġabar £M12,000,000. Is-sena l-oħra, fl-istess erba' xhur, il-Gvern daħħal £M8,000,000 — jiġifieri fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena t-taxxi indiretti mid-Dwana biss zdiedu b'50% u dan meta nafu li tant hawn restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni.

# HEMM BŻONN TA' RIFORMA FIS-SISTEMA TAT-TASSAZZJONI

**RIFORMA**

**"Għalhekk naħseb li wasal iż-żmien li verament issir riforma fis-sistemi ta' tassazzjoni ta' pajjiżna. Imma aħna nwiegħdu li żgur li jiġu eżentati mill-ħlas tat-taxxa dawk kollha li qed jirċievu assistenza soċjali. Ma jistax ikun, u ma jagħmilx sens, li min-naħa waħda d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali jgħid li ċ-ċittadin Malti ħaqqu jgħinu għax m'għandux biżżejjed għall-bżonnijiet tiegħu u mbagħad id-Dipartiment l-ieħor tal-Finanzi jgħidlu li għandek iż-żejjed u trid tħallasni parti minn dak li tak id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.**

Wasal iż-żmien, u z-zmien mhux sena u nofs oħra sa l-elezzjoni, imma jekk irid il-Gvern nhar it-Tnejn jew it-Tlieta fil-Parlament, meta nkunu qed niddiskutu emendi fuq il-liġi ta' l-Income Tax, li l-personal deductions — l-ammont li wieħed hu intitolat għalih li ma jħallasx taxxa fuqu — jizdied sostanzjalment.

*(applawsi)*

Ma jistax ikun illum li min huwa fuq il-'minimum wage' iħallas ammont ta' taxxa li sar għoli mhux ħazin ukoll. Hemm bzonn li l-poplu jifhem li llum it-taxxa ta' l-income qed tolqot lil kull min jaħdem u qed taqbdu b'mod inġust.

**✱ Għalhekk aħna nwiegħdu li għandu jkun hemm — u aħna nattwaw — li verament ikun "ceiling" kif jixraq għażmenijiet tal-lum bil-ħajja għolja kif inhi, partikolarment biż-żidiet li saru dan l-aħħar.**

✱ Inwiegħdu wkoll li huwa essenzjali li fil-pajjiz jerġa' jkun hawn il-kummerċ ħieles. Ma jistax ikun li dan il-pajjiz jibqa' miexi bil-kontrolli fuq il-kummerċ kif hawn illum għax dawn bil-fors iġibu l-korruzzjoni u bil-fors iġibu li flok ikollok roħs u kontroll fuq l-għoli tal-ħajja, jispiċċa jkollok zidiet artifiċjali fl-għoli tal-ħajja.

Għalhekk aħna nerġgħu ndaħħlu s-sistema ta' kummerċ ħieles. Dan ma jfissirx li jkun hemm il-liberta' u n-nuqqas ta' kontroll assolut. Min jesaġera u min ikun qed japprofitta ruħu zzejjed, il-Gvern għandu d-dmir li jikkontrollah. U aħna, filwaqt li naqblu mal-kummerċ ħieles, ngħidu li naqblu wkoll ma' kontrolli li jkun hemm bzonn tagħhom u kontrolli li ma jkunux esaġerati.

**INKJESTI**

**● Fuq il-korruzzjoni, il-wegħda tagħna hija li sakemm aħna fl-Oppożizzjoni nibqgħu ninsistu li jkun hemm inkjesti kull fejn ikun hemm bżonn. U kif intqal il-bieraħ u l-ġurnata ta' qabel meta ddiskutejna l-mozzjoni fuq il-korruzzjoni, l-inkjesti li ma jsirux issa, jsiru meta nkunu fil-Gvern.**

*(applawsi)*

Dakinhar, izda, l-inkjesti ma jsirux biss biex naraw min kien korrott issa, imma naraw ukoll min sar ħati ta' dik il-korruzzjoni għaliex ma

ħax passi meta ma investigax biex jara x'hemm.
*(applawsi)*

* Fuq l-iskejjel u sptarijiet privati diġa' għidt x'inhi l-wegħda tagħna. Il-wegħda tagħna hija li issa nkomplu naħdmu, nagħtu l-kontribut tagħna bil-mezzi kollha u dawn naturalment nistgħu naraw x'ikunu u x'ikun opportun li jsir fil-mument li jixraq biex l-iskejjel u sptarijiet privati jibqgħu miftuħin kif inhuma u kif iridhom il-poplu Malti.

Imma jekk kellu dan ma jirnexxix fi zmienna, u jien nappella lill-poplu Malti kollu biex għas-sejħiet tagħna jirrispondi meta jkun il-waqt, aħna nwiegħdu li dan hu prinċipju fundamentali għalina u għalhekk taħt Gvern Nazzjonalista ikun hemm zgur l-iskejjel u sptarijiet privati.
*(applawsi)*

* Dwar uliedna, aħna nwiegħdu li nkomplu kemm mill-Oppozizzjoni u kemm meta nkunu fil-Gvern, intambru fuq il-bzonn li wliedna jibqgħu jkollhom dawk il-valuri morali li huma meħtieġa għall-ġid tas-soċjeta'.

U hawn ukoll jiena ċert li l-poplu mhux jgħajjar u jinsolenta jrid lis-Sorijiet u Patrijiet li taw l-edukazzjoni 'l uliedna għal zmien twil, imma jirringrazzjahom talli fl-imgħoddi, llum u għall-ġejjieni wkoll, qegħdin jagħtuhom dik l-edukazzjoni li aħna nixtiequ li jkollhom.
*(applawsi)*

**IL-QASAM EKONOMIKU**

Qasam ferm importanti huwa l-qasam ekonomiku. Dan il-qasam hu importanti għaliex l-izvilupp ekonomiku hu l-qofol tal-progress fil-pajjiz u huwa l-qofol ta' kull progress fil-pajjiz. U jekk dan il-Gvern nakkuzawh li falla, dan il-falliment l-aktar li jidher huwa fil-qasam ekonomiku.

U meta l-poplu jiġi biex jiġġudika f'elezzjoni oħra jrid jiftakar fid-disa' snin li għaddew. Jiftakar l-ewwelnett x'sab dan il-Gvern fl-1971 u jiftakar li dak izzmien il-Gvern Soċjalista sab li fil-pajjiz il-Gvern ta' qablu kien poġġa l-pedamenti u beda jibni biex verament ikun jista' jkun hawn l-izvilupp ekonomiku li lkoll nixtiequ.

Kien ħoloq dawk l-organi li hemm bzonn biex ikun hawn dan l-izvilupp, fosthom, per ezempju, id-Development Corporation, il-Bank Ċentrali u Banek li kienu efficjenti u industrjalisti Maltin u barranin li urew l-inizjattiva u lesti li jkomplu mexjin bil-fiduċja li kellhom f'dan il-pajjiz.

Din hi l-eredita' li ħalla Gvern Nazzjonalista lill-Gvern li tela' f'Ġunju ta' disa' snin ilu. X'ipprova jagħmel dan il-Gvern? Qal, bħal ħafna affarijiet oħra, li d-dinja bdiet dakinhar meta huma telgħu fil-Gvern. U jekk sab Development Corporation qal li dik ma kienet tiswa xejn u qal li dik ma kenitx miexja f'politika tajba għaliex l-inċentivi li kienet tagħti kienu biss ta' detriment għall-poplu Malti.

Holoq, qal il-Gvern Soċjalista, inċentivi ġodda u qal li kien akkwista l-appoġġ ta' l-Industrial Promotion Council, Kumitat li kellu jgħin lill-Gvern biex jattira l-industrji hawn Malta. Veru li kellu ismijiet kbar ta' nies barranin izda ma nafx kemm-il darba ltaqa'. Fl-1973 kont staqsejt fil-Parlament u r-risposta kienet li ltaqa' darbtejn u ma naħsibx li ltaqa' izjed. La nafu meta ġie xolt, la nafu għaliex, ma nafu xejn.

Nerġa' ngħid li l-Gvern Soċjalista sab eredita' li seta' jibni fuqha u ried jagħmel kollox mill-ġdid. F'mument minnhom induna li ma tantx kien qiegħed jirnexxi bl-inizjattivi tiegħu u kif irriforma d-Development Corporation, u bl-inċentivi li qal li waqqaf ma tantx kienu qed jiġu industrjalisti biex jinvestu u ħolom bl-hekk imsejħa investimenti tal-poplu u industrji tal-poplu.

**"INDUSTRJI TAL-POPLU"**

U tiftakru li waqqaf Ministeru ta' l-Investiment ta' l-Industrji tal-Poplu. Dan neħħewh u għamluh ma' Ministeru ieħor. Holom li dawn l-industrji kienu se jkunu industrji ta' l-eluf u ħaseb li dawn l-industrji se jibdew jagħmlu profitti kbar u jkun jista' jaħleb minnhom.

Sa kienu qalulna fl-elezzjoni ta' l-1976 wegħda solenni — li taxxi izjed ma jzidux għaliex flok bit-taxxi l-poplu se jġib il-flus f'dawn l-industrji li qegħdin iwaqqfu. U llum għaddew erba' snin u r-rizultat jafu l-poplu Malti kollu. Hlief il-fallimenti fl-industrji tal-poplu ma rajniex, sfortunatament. L-Air Malta u s-SeaMalta wkoll setgħu sal-lum taw xi frott kieku ġew imwaqqfa bil-ħsieb. Anke f'dawn li tant ftaħru bihom, l-affarijiet tmexxew tant ħazin u ma ġewx ippjanati bis-serjeta' li kulħadd jaf bil-problemi li dawn għandhom quddiemhom.

Il-falliment kompla jikber u kompla jizdied il-bzonn li l-Gvern jara minn fejn se jġib il-flus. Holom bis-sistema tal-bulk buying, li nafu x'kien l-effett ta' din is-sistema. Rajna għoli fil-prezzijiet, nitqannew bi prodotti importati ta' kwalita' inferjuri u rajna li s-sistema, kif qal l-awditur fil-Ministeru tal-Finanzi, tista' tagħti ħafna lok ta' abbuz u korruzzjoni.

**DAWK LI JAHDMU GHAL RASHOM**

Haġ'oħra li ċertament ik-kontribwiet għall-falliment tal-Gvern f'dan il-qasam huwa l-mod kif kontinwament iħares lejn is-settur ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Dawn in-nies li jikkontribwixxu għall-ġid ekonomiku tal-pajjiż billi flok imorru jaħdmu ma' ħaddieħor jaħdmu direttament huma.

Huwa evidenti li l-politika ta' dan il-Gvern hija waħda li tħares 'l isfel lejhom, jiddisprezzahom u jekk jista' jkun iwarrabhom. Fil-fatt irnexxielu jwarrab numru konsiderevoli minnhom mill-ħidma tagħhom.

**Hemm bżonn iżda li lil dan is-settur wieħed jagħtih l-istima li għandu bżonn. Għalina dan huwa wieħed mis-setturi li l-aktar li juri inizjattivi u li aħna nridu u nemmnu li nistgħu nibnu fuqhom u lilhom ngħidulhom li Gvern Nazzjonalista magħhom ukoll irid jiddjaloga, jitkellem u jara kif huma jistgħu jaħdmu aħjar mhux biss għalihom infushom, imma wkoll jikkontribwixxu għall-ġid tal-pajjiż.**
*(applawsi)*

L-aktar tema rikorrenti f'dan il-qasam huwa l-indħil kontinwu u esaġerat min-naħa tal-Gvern. U l-wegħda tagħna għal dan is-sistema huwa li aħna ma nistgħux nibqgħu mexjin fuq din il-politika.

Aħna jidhrilna li l-istituzzjonijiet li huma fundamentali biex ikun hawn zvilupp ekonomiku tajjeb għall-pajjiż iridu jerġgħu jissaħħu. U aħna nwegħdu li nerġgħu nagħtu l-istrutturi li jixirqilhom, nagħtu s-saħħa li jixirqilhom lil dawk l-organi li konna waqqafna aħna stess bħalma huma d-Development Corporation, il-Bank Centrali u l-Banek li konna niftaħru bihom hawn Malta għax kienu Banek effiċjenti.

Kienu Banek li meta kont tmur fihom kont taf li qed titkellem b'serjeta' u li ma' min qed titkellem għandu l-kapaċita', l-inizjattiva u għandu d-dritt li jiddeċiedi skond il-kariga li għandu fil-ġerarkija tal-Bank.



**Deputati u Kunsillieri jifirħu lill-Kap Nazzjonalista fi tmiem id-diskors tiegħu.**

Imma llum l-impressjoni hija li anke l-Banek tilfu ħafna mil-liberta' li kellhom u li jrid ikollhom biex ikunu jistgħu veramment jaħdmu b'mod effiċjenti.

Aħna nwegħdu li s-sistema tagħna fil-qasam ekonomiku tkun waħda mibnija fuq id-djalogu. F'Malta hawn diversi korpi kostitwiti li aħna jidhrilna li fl-imgħoddi taw kontribut u 'l quddiem jistgħu jagħtu kontribut akbar.

Meta l-Gvern isemmi l-Kamra tal-Kummerċ jew il-Federazzjoni ta' l-Industrija jew korpi oħra bħal dawn, ma jridx wieħed idum biex jifhem li l-Gvern iħares lejn dawn mhux biss b'mod suspettuż iżda b'mod ta' disprezz.

Lil dawn il-korpi aħna ngħidulhom li għandhom sehem x'jagħtu lill-pajjiż u nwegħduhom li magħhom u flimkien magħhom aħna rridu nippjanaw il-futur ekonomiku ta' pajjiżna.

**ŻEWĠ SISTEMI**

L-għażla fis-sistema ekono-

miku hija bejn żewġ sistemi. Hemm is-sistema ta' ekonomija ċentralizzata, ta' ekonomija kontrollata kollha kemm hi mill-istat. Aħna din is-sistema ma naċċettawhiex għaliex nafu li kull fejn il-pajjiż ipprova jħaddimha r-riżultat qatt ma kien il-ġid ekonomiku u qatt ma kien il-ġid morali u li jagħti l-libertà taċ-ċittadin. Kull fejn din is-sistema ġiet prattikata naraw li flok progress kien hemm nuqqas ta' libertà u s-sistema ma tatx il-frott li kien mistenni minnha — il-frott, jiġifieri li jikber il-ġid komuni.

"Is-sistema l-oħra, estrem għas-sistema li semmejt, huwa dak tas-suq liberu għal kollox fis-sens liberali u kapitalista tal-kelma, li jkun hemm is-suq mhux kontrollat u libertà assoluta fil-qasam tal-kummerċ u ta' l-ekonomija. Anke dan is-sistema aħna ma naċċettawhx għax jidhrilna li ma jistax jagħti l-frott mixtieq.

L-uniku sistema li jista' jagħti verament u jkabbar verament il-ġid ekonomiku tal-pajjiż mingħajr ma jnaqqas id-drittijiet ta' kull ċittadin huwa s-sistema bażat fuq suq liberu imma suq liberu li jrid jieħu in konsiderazzjoni l-bżonnijiet soċjali tal-pajjiż, il-bżonnijiet soċjali li hu dmir ta' kull Gvern li jara li ma jintilfu qatt u li jżomm kontinwament quddiemu bħala mira li jrid jasal għaliha.

**U għalhekk aħna nemmnu f'dak li jissejjaħ is-sistema ta' "Social Market Economy" li filwaqt li tirrispetta l-libertà ta' l-individwu ma tħallix irriedni għal kollox f'idejn l-individwu biss, imma tagħti lill-istat id-dmir li jara li jippjanifika u li jara li verament dak is-sistema ta' suq liberu jkun qiegħed jaqdi vera l-bżonnijiet tal-poplu mingħajr ma jkun hemm inġustizzji.**

*(applawsi)*

Dan huwa sistema li fil-fehma tagħna jista' jwassal għal ġustizzja soċjali fil-libertà. U dan is-sistema huwa importanti li jiġi osservat il-prinċipju li semmma wkoll waqt iddiskussjoni hawnhekk mela konna qed niddiskutu s-sistema u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

## IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDARJETA'

**Aħna jidhrilna li huwa importanti li l-poplu jifhem li l-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jiġi applikat kemm jista' jkun f'kull qasam. Dan ifisser li jekk inti għandek funzjoni, jekk għandek 'objective' x'tilħaq, u jekk inti trid li jsir xi ħaġa u dik ix-xi ħaġa taf li hu kapaċi jagħmilha b'mod tajjeb l-individwu, kapaċi jagħmilha b'mod tajjeb grupp ta' individwi, m'għandux jindaħal l-istat u jidħol hu biex jagħmel dak li jistgħu jagħmlu ħafna drabi, b'mod ħafna aħjar, iċ-ċittadini tiegħu.**

*(applawsi)*

Dan huwa prinċipju li għandu jiġi osservat f'kull qasam għaliex huwa l-prinċipju li verament jirrispetta d-dinjità ta' kull ċittadin.

Aħna għalhekk ukoll irridu ninkoraġġixxu lil dawk kollha li jieħdu inizjattiva. Lil dawk kollha li jersqu biex jaħdmu għal ġid tagħhom u tal-pajjiż.

## GHAWDEX

Mozzjoni oħra li tkellimna fuqha kienet dwar Għawdex. Għalina Għawdex dejjem kien settur importanti fil-politika. Għax il-P.N. dejjem fehem li Għawdex għandu l-problemi tiegħu. Għandu l-problemi kollha li għandna Malta u ma' dawk irridu nżidu l-problemi li ġejjin minħabba l-baħar li jaqsamna.

Gvern Nazzjonalista ta prova li fehem x'inhuma l-bżonnijiet tal-poplu Għawdxi. Kien wettaq politika li lil Għawdex kienet qegħda tmexxih b'mod li tat ħafna progress u konna qrobna biex iż-żewġ gżejjer jilħqu l-istess livell ta' progress u ta' għixien.

Sfortunatament kontinwament nisimgħu minn dan il-Gvern, (partikolarment mill-Prim Ministru, jista' tgħid kull darba li jissemma Għawdex) li għalih Għawdex ma jeżistix, li Għawdex huwa parti minn Malta bħal Bormla u Tas-Sliema. Aħna ħadna pjaċir meta tressqet dik il-mozzjoni mill-Kumitat Distrettwali ta' Għawdex u nwiegħdu li mhux biss mill-Oppożizzjoni nibqgħu nsemmu x'inhuma l-bżonnijiet ta' Għawdex, imma anke fil-Gvern inwettqu politika li biha verament l-eluf ta' ħutna li jgħixu f'dik il-gżira nħossuhom immedezinati magħna, nħossuhom qegħdin jaqsmu magħna l-progress li aħna rridu għal pajjiż kollu.

*(applawsi)*

## IL-POLITIKA BARRANIJA

Il-bieraħ spiċċajna bl-aħħar mozzjoni li kienet titkellem dwar il-politika barranija ta' pajjiżna. Qasam ferm u ferm importanti. U hawn ukoll meta l-poplu jiġi biex jiġġudika fi żmien l-elezzjoni, irid jiftakar x'għamel dal-Gvern fid-disa' snin li għaddew f'dan il-qasam. Fil-mozzjoni għedna li llum il-Gvern m'għandux politika kredibbli fil-qasam ta' l-affarijiet barranin. Illum il-Gvern li għandna ħadd ma jagħtih aktar kredibilità.

Hadd ma jaf proprjament x'inhi l-politika barranija li verament dan il-Gvern irid jimxi fuqha. Jekk hemm xi ħaġa li ddistingwiet u kkaratterizzat il-politika barranija ta' dan il-Gvern hija dik li kienet mibnija fuq politika ta' rikatt u politika ta' megalomanija.

Politika ta' rikatt li kontinwament dal-Gvern igħid li jew tagħtuni xi ħaġa, jew nifttiehem magħkom kif irrid

jien, inkella mmur in-naħa l-oħra. Politika ta' rikatt li fiha nfisha għandha l-element ta' megalomanija, ta' min jiġifieri jaħseb li huwa ħa xi ħaġa kbira u ma jkun xejn; li jaħseb li se jwerwer lill-Ewropa għax igħidilhom li se jmur in-naħa l-oħra, meta lanqas m'hemmhekk ma jkollhu xejn. Il-politika li mingħalih, min mexxa dan il-pajjiż, se jsib postu mhux biss bħala Prim Ministru ta' dan in-nazzjon żgħir f'nofs il-Mediterran, imma li se jkollu, forsi, id-destini tas-superpotenzi.

Hija politika li jkolli ngħid umiljatna. Hija politika li waqqgħetna għaċ-ċajt ma' pajjiżi barranin. Huwa tajjeb li Malta għalkemm pajjiż żgħir tgħid kif taħsibha hi fuq il-problemi internazzjonali kollha, partikolarment dawk li jinteressawna mill-viċin. Hu wa tajjeb li aħna, fil-fora internazzjonali fejn Malta jista' jkollha vuċi, nesprimu ruħna u ngħidu kif naħsbuha. Imma hemm bżonn naqtgħuha li jekk Malta titkellem u xxaqleb 'il hawn jew 'il hemm se jsir xi terremot fil-politika internazzjonali u ma nafx x' se' jiġri.

*(applawsi)*

**Hemm bżonn naqtgħuha għax waqajna għar-redikolu. Mhux biss m'aħniex kredibbli imma norġa' ngħid wasalna llum biex jidħku bina, sfortunatament, bil-pajjiż tagħna kif inhu mmexxi. Hemm bżonn għalhekk li jkollna politika kredibbli tan-naħa l-oħra. L-alternattiva tagħna. L-alternattiva Nazzjonalista.**

Imma mhux biss hija politika ta' dal-Gvern li waqqgħetna għar-redikolu, mhux biss mhix politika kredibbli, imma rridu naraw daqsxejn x'inhuma l-konsegwenzi tagħhom. Dal-Gvern wiegħed, fil-programm elettorali ta' erba' snin ilu, li kien se jkun hemm ftehim għal zewġ alternattivi. Ftehim ma' erba'

# X'inhu dan il-ftehim temporanju li Malta għandha mal-Libja?

pajjizi li jiggarantulna n-newtralita' tagħna u jgħinuna ekonomikament. Din hija t-triq li kien qed jagħzel bħala l-aħjar waħda l-Partit Soċjalista u qabel l-elezzjoni, fil-meetings li għamlu, u fil-programm elettorali tagħhom, qalu li din hija politika li faċli jattwawha meta jkunu fil-Gvern.

Fil-fatt illum il-poplu Malti jrid jiftakar x'ġara f'dawn l-erba' snin. Qalulna li erba' pajjizi lesti li jiggarantulna d-difiza ta' pajjizna.

Qalulna li mal-Libja u ma' l-Alġerija kollox lest. Qalulna li ma' l-Italja jonqos xi ħaġa zgħira minħabba implikazzjonijiet minħabba trattati internazzjonali li għandha l-Italja. Ma' Franza qalu li diġa' kellhom assigurazzjoni. Fuq il-garanziji militari ma' Franza mid-dehra ma kellhom ebda garanzija u anqas għandhom illum dwar għajnuna ekonomika.

Dik kienet il-pozizzjoni kif ipprezentaha l-Partit Soċjalista qabel l-elezzjoni. X'ġara llum? Fejn huma t-trattati ta' difiza? Il-Gvern s'issa m'għamel ebda stqarrija fil-Parlament li fiha igħid li għandu xi trattat ta' difiza ma' xi pajjiz.

Fuq interpellanza ta' Deputat Nazzjonalista ħarġet informazzjoni li hemm ftehim temporanju ta' għajnuna għad-difiza ta' Malta mal-Libja. U aħna ngħidu, x'jerieta' hi din li nisimgħu lill-P.M. fuq it-televizjoni jgħidilna li hemm bzonn nieħdu ħsieb is-sigurta' ta' pajjizna, li hemm bzonn naraw li s-sigurta' ta' pajjizna ma tkunx mhedda u li jekk tkun mhedda jkollna l-mezz kif niddefendu ruħna, imbagħad fil-Parlament ma jagħtina ebda informazzjoni u rridu nagħmlu mistoqsijiet aħna biex jgħidilna hemmx xi ftehim temporanju!

**U jiena ngħidlu lill-P.M. igħid x'inhu dan il-ftehim temporanju jew x'kien il-ftehim (applawsi) għax kif għamlu seta' ħassru. X'kien dan il-ftehim temporanju? Kien forsi li jagħtuna xi ftit armamenti ta' 20 sena ilu biex taparsi l-armata tagħna jkollha l-armi moderni? X'kien dan il-ftehim temporanju? Li jekk ikollna bżonn jiġu jgħinuna? X'inhu dan il-ftehim temporanju jekk għadu jeżisti? Jagħti xi drittijiet lil xi pajjiż ieħor, f'dal-każ, il-Libja, li jġibu xi truppi minn tagħhom hawn Malta. Il-poplu Malti għandu d-dritt ikun jaf x'inhuma dawn l-affarijiet.**

Meta jien qabel semmejt id-dritt li jġibu t-truppi tagħhom Malta, dan qed nagħmlu għax proprju ftit ġranet ilu fil-Parlament kien hemm stqarrija mill-Ministru tal-Finanzi fejn qal li kien mar f'delegazzjoni l-Jugoslavja u wara taħditiet li kellu hemmhekk ħarġu komunikat il-Gvern tal-Jugoslavja u dak ta' Malta. U fost affarijiet imniżżlin fil-ftehim jew komunikat hemm li n-naħa Maltija tenniet li skond il-politika tagħha, ma tħallix potenzi militari barranin li jagħmlu użu minn xi parti tat-territorju tagħha għal skopijiet militari tagħhom.

Jien staqsejt lill-Ministru Cassar (imma bħas-soltu rrisponda l-Prim Ministru) jekk dan ifissirx li Malta issa hi preparata li tħalli potenzi militari barranin jagħmlu użu minn faċilitajiet tat-territorju tagħna għall-għanijiet tagħna, u irrisponda iva.

**"Aħna ngħidu li wara dan il-ftaħir kollu li keċċejna s-**

**suldati Ingliżi; wara dak il-ftaħir kollu li l-aħħar suldat ħalla Malta; wara l-ftaħir kollu li suldati barranin ma jidħlux hawn Malta; irridu nkunu nafu jekk hemmx xi ħsieb li jġibulna suldati barranin hawn Malta.**
*(applawsi)*

"Meta l-Prim Ministru talbu biex jassigura lill-Parlament biex jekk ikun hemm xi ftehim bħal dan huwa jiġi quddiem il-Parlament u jgħidilna bih, qalilna li mhux fl-interess tal-poplu li dan jgħidu.

**U aħna ngħidulu li jekk wasal f'sitwazzjoni li ma jafx aktar x'qed jagħmel u li nesa l-kliem kollu fieragħ li qal u issa lest li jaqleb kollox ta' taħt fuq, is-soluzzjoni għandha tkun li jwarrab.**
*(applawsi)*

Meta kienet qorbot l-elezzjoni ta' l-1976 kienu qalulna li l-ftehim għall-garanzija tas-sigurta' ta' Malta kellu jkun marbut ma' ftehim ta' għajnuna ekonomika. Qalulna li min-naħa tal-Libja u ta' l-Alġerija kollox kien sewwa u min-naħa ta' Franza u l-Italja kien għad hemm ftehim.

**B'XI KUNDIZZJONIJIET?**

U issa nistaqsu: il-ftehim hekk imsejjaħ temporanju għad-difiza ta' Malta mal-Libja kellu xi kundizzjoni ta' għajnuna ekonomika jew le? U jekk kellu x'kienet din il-promessa ta' għajnuna?

Irrid infakkar lill-Prim Ministru, li fl-aħħar ta' l-1978 kien mar fi Tripli jkellem lill-Kungressi tal-Poplu u qalilhom li kien awtorizzah il-President Gaddafi biex jitlob lill-Kungressi tal-Poplu bit-talba ta' Malta għal £M28 miljun fis-sena għal ħames snin. U hemm, bħal tallab, mar quddiem il-Kungressi tal-Poplu jgħidilhom biex ituna t-£M28 miljun fis-sena. Aħna konna rrispondejna f'dibattitu fil-Parlament u għedna jekk Malta giet fis-sitwazzjoni li tiddependi minn pajjiż wieħed għal £M28 miljun fis-sena tfisser li sirna kolonja mill-ġdid *(applawsi)* u għedna li dan mhux aċċettabbli għalina.

**Hawnhekk il-Prim Ministru**

**flok jgħidilna li għandu ftehim temporanju u ma jgħidilniex x'inhu, aħna ngħidulu li d-dmir tiegħu hu li jgħidilna x'inhu, xi ftehim, biex il-poplu Malti jkun lista' jiġġudika lilu u lill-Gvern tiegħu.**

Semmejt fl-istqarrija wara z-zjara ta' delegazzjoni fil-Jugoslavja u hemmhekk hemm imnizzel il-komunikat li ħarġu z-zewġ delegazzjonijiet li l-Jugoslavja se' tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha u kull għajnuna għall-indipendenza ta' Malta. U jien staqsejt fil-Parlament jekk dan ifissirx li mal-Jugoslavja hemm ftehim ta' Difiża u l-P.M. wieġeb "iva" imma għad irridu jinħadmu d-dettalji.

Jien nistaqsi hawn ukoll jekk inhu veru li dan hu ftehim ta' difiża x'hemm marbut miegħu. Lill-Jugoslavja għamlilha l-kundizzjonijiet li għamel lill-pajjiżi oħra li biex jiggarantulna d-difiża u n-newtralita' tagħna jridu jgħinuna ekonomikament?

Talab kondizzjoni bħal din? U jekk talab ingħatatlux xi promessa bħal din?

Illum kif għedt, il-politika tal-Gvern mhux biss m'hix kredibbli imma hi biss politika ta' taħwid li ma tista' tiftiehem sewwa sew la fejn irid jasal u lanqas x'inhu jagħmel fil-mument. Jien staqsejt ukoll fil-Parlament jekk dan il-ftehim mal-Jugoslavja jfissirx li l-Gvern abbanduna l-ftehim li ried jilħaq ma' l-erba' pajjiżi li kellhom jiggarantulna n-newtralita'.

**Inkella hux ftehim "over and above" ma' dak il-ftehim li żied. Risposta ta' dan ma hadtx. Illum jidher li hlief taħwid fil-politika barranija tal-Gvern m'hemmx. U hemm bżonn li l-poplu Malti lill Gvern tiegħu jgħidlu: għidilna jekk jogħġbok kif inhu d-dmir tiegħek x'inti tagħmel f'isimna biex naraw intix qed tagħmel f'isimna affarijiet li qatt ma awtorizzajnik tagħmilhom.**
*(applawsi)*

Hemm bżonn li l-Gvern jittratta lill-poplu Malta u partikolarment lid-Deputati tiegħu, lilna l-membri tal-Parlament, b'mod kif jixraq f'pajjiż verament demokratiku.

**POLITIKA ĊARA**

Fejn sejjer ma jafx. Aħna min-naħa tagħna politika ċara għandna. Politika ċara għandna għaliex aħna l-ewwelnett dejjem għedna li ma rridux inħalltu l-problemi ekonomiċi ta' pajjiżna mal-problemi ta' sigurta'. Aħna jidhrilna li s-sigurta' jekk dawn il-garanziji jiġu minn pajjiżi li għandhom interess l-ewwelnett fina, għandhom interess li aħna nibqgħu dak li aħna, pajjiż liberu u demokratiku. Dawk il-pajjiżi li għandhom il-mezz li lilna jiddefenduna, dawk il-pajjiżi li huma lesti li jekk inkunu fil-bżonn jiddefenduna.

U aħna ma rridux xi ftehim sigriet. Aħna rridu ftehim li jkun jaf bih il-poplu Malti kollu. Aħna l-għażliet tagħna ilna li għamilnihom għaliex dejjem emminna fihom u ftit aktar minn sena ilu tajnih aħna lixka, li jien kont sejjaħtlu "salvauomo", biex jipprova jaqbad miegħu u għednilu li aħna tal-Partit Nazzjonalista nemmnu li l-futur ta' Malta għandu jkun marbut ma' dak ta' pajjiżi liberi ta' l-Ewropa.

Għednilu li dan il-futur ta'

Malta għandu jkun marbut mal-futur tal-pajjiżi li llum jiffurmaw il-Komunita' Ewropea li bil-mod il-mod qed tkompli tiżviluppa, se' tkompli tikber, biex tasal għall-ideal finali li għadu 'l bogħod imma nittama li għad tkun reali, dak ta' Ewropa magħquda. Dik hija t-triq li għażilna aħna u li rridu naħdmu għaliha.

*(applawsi)*

Għal dan, il-Prim Ministru u l-Gvern tiegħu, l-gazzetti tagħhom u x-xandir, ma jagħmlux ħlief kritika lilna. U semmejt il-Prim Ministru għax hekk jgħid. Semmejt il-gazzetti tagħhom għax hekk jgħidu u semmejt ix-xandir għax anke dawn tax-xandir, problema bħal dan jaqbdu ma' xi aħbar u jfittxu 'l hawn u 'l hinn u jekk ikun hemm laqgħa ta' kapijiet membri tal-Komunita' u dawn ikollhom problema kif kellhom fuq il-kontribuzzjonijiet ta' l-Ingilterra, malajr tisma' l-aħbar fuq it-TV Malti li l-Komunita' Ewropea tinsab fi kriżi u dalwaqt titkisser. Malajr tisma' fuq Xandir Malta li l-Komunita' Ewropea għandha kriżi kbira u sa ftit snin oħra se tkun falluta.

**Aħna ngħidulhom, lill-poplu Malti, f'qieħ is-sewwa, ittrattawh ta' poplu li jaf jirraġuna u mhux tbellgħulu dak kollu li tridu.**

*(applawsi)*

Il-Gvern tal-lum, ma' din il-pożizzjoni tagħna jgħid li ma jaqbilx. Jgħid li ma jridhiex. Jgħid li llum ma jridhiex. Izda tajjeb li ngħid li l-Prim Ministru kull meta tkellem dejjem qagħad attent li ma jagħlaqx il-bieb għal kollox. Qatt ma qal Malta mhix se tkun membru tal-Komunita' Ewropea. Hu jaf li mhux fl-interess ta' Malta li dan jagħmlu għaliex il-verita' hi li dan il-Gvern għadu kontinwament iħab-

# Qed jinnegozja Protokoll ġdid

bat il-bibien tal-pajjiżi tal-Komunita' biex jgħinuh.

**Issa, per eżempju qiegħed jinnegozja protokol finanzjarju ieħor biex jagħtuh £M34 miljun. Qiegħed jinnegozja mal-Komunità Ewropea biex fiż-żmien li ġej ikun jista' jieħu £M34 miljun.**

**Aħna ngħidulu j'Alla joħduna bis-serjetà. J'Alla lill-Gvern Malti, li tilef illum issens ta' direzzjoni fil-politika tiegħu, joħduh bis-serjetà. U għalhekk aħna meta sena u nofs ilu approvajna dik il-mozzjoni għedna li din tista' sservi ta' "salvauomo" għalih għax għedna li kulħadd jaf, il-Komunità taf, il-pajjiżi ta' l-Ewropa jafu, li hawn Malta l-alternattiva Nazzjonalista li lesta biex twettaq programm li verament huma jkunu konvinti li hu l-aħjar programm għalina l-Maltin.**

**ITTRA LIL CARTER**

J'alla dik id-dikjarazzjoni tagħna tgħinu anke waqt li huwa qiegħed fil-Gvern biex jikseb għajnuna għal pajjiżna. Imma kultant tisma' b'affarijiet oħra wkoll li jkunu għaddejjin u li ma jkunux jidhru fil-beraħ. Konna smajna b'ittra xi snin ilu li l-P.M. bagħat lill-President Carter u — donnu, li anke hawn il-Gvern Malti mhux fil-beraħ inkella min jaf il-politika tar-rikatt ma taħdimx — anke hawn donnu xi korrispondenza mal-President Amerikan reġa' kien hemm, u jekk kien hemm lill-P.M. ngħidulu li huwa dover tiegħu li jgħidilna, li jgħid lill-poplu Malti, x'inhi din il-korrispondenza, għal-fejn issa reġa' kiteb, jekk kiteb, lill-President Carter, x'talbu, x'irid minnu ħalli l-Poplu Malti verament ikun jaf x'qiegħed jiġri.

**IT-TĦAFFIR GĦAŻ-ŻEJT**

Il-mozzjoni li approvajna l-bieraħ titkellem fuq punt importanti ħafna. Titkellem fuq il-problema għat-tħaffir taż-żejt. Problema li ilha magħna s-snin. Problema li tellfitna ħafna mill-iżvilupp ekonomika li stajna għamilna mingħajr tbatija għall-poplu tagħna.

Fl-1974 il-Gvern ħareġ jittaħar li kien ta konċessjonijiet lill-kumpaniji multinazzjonali biex jibdew iħaffru fl-ibħra ta' Malta 'l isfel minnha. Il-poplu kien ittama ħafna li fl-aħħar nistgħu nsibu mezz li jgħina biex l-ekonomija ta' pajjizna tkun tista' verament timxi 'l quddiem. U issa għaddew sitt snin minn dak iż-żmien, sitt snin mindu sar dak il-ftehim u t-tħaffir għadu ma bediex.

**Il-politika tagħna dejjem kienet li t-tħaffir għandu jibda. Malta m'għandhiex tistenna iżjed. Meta sirna nafu bil-problema tal-Linja Medjana li għandu l-Gvern Malti mal-Gvern tal-Libja aħna għamilna l-parti tagħna u, pubblikament, f'laqgħa li kien hawn f'Malta fil-Kamra tal-Parlament meta kien ġie l-President Gaddafi, Censu Tabone kien qallu li aħna nqisu li l-ħbiberija b'iktar mod kif il-Libja turi l-ħbiberija lejn Malta hija li jkun hemm ftehim biex mill-aktar fis inkunu nistgħu nħaffru għaż-żejt.**

Sal-lum dan għadu ma ntlaħaqx, mhux biss ma ntlaħaqx izda smajna lill-P.M. jgħid pubblikament li l-Gvern tal-Libja kien ilu tliet snin jigbidlu saqajh fuq din il-problema. Smajna wkoll, ix-xahar li għadda, riżoluzzjoni fil-konferenza ġenerali tagħhom li tgħid u tħeġġeġ biex il-Kungress tal-Poplu tal-Libja jagħtu d-deċiżjoni tagħhom sat-30 ta' Ġunju.

It-30 ta' Ġunju għadda u ma smajna ebda stqarrija

mingħand ħadd. Ma smajna xejn u waqa' biss silenzju fuq ir-Radju ta' Hbiberija u Solidarjeta'. Għaliex waqa' dan is-silenzju ma nafux.
*(applawsi)*

Imma lill-Gvern aħna ngħidulu li hemm bzonn li hu jgħid lill-Poplu Malti x'jagħmel biex verament Malta tieħu d-drittijiet tagħha u tkun tista' tuzufruwixxi minn dak li hu tagħha.

Kemm se' ndumu nistennew? Sitt snin huma bizzejjed. Huma twal izzejjed u għandu jkun hemm id-deċizjoni li t-tħaffir jibda jsir f' dak li huwa tagħna. Hemm bzonn li dan il-Gvern anke fuq dan il-punt flok jimxi bil-ħabi flok jimxi bil-mod u jgħaffeġ waħdu jgħid lill-poplu Malti x'inhuma l-problemi li għandu u jiena ċert li l-poplu Malti, aħna wkoll ta' l-Oppozizzjoni, l-appoġġ li jkollu bzonn fuq problemi nazzjonali minn għandna jkollu basta lilna jafdana, basta lilna jagħtina ċ-ċans li nifhmu miegħu x'inhuma l-problemi u ngħinuh biex isolvihom. Imma hemm bzonn, u għalhekk daħħalna dak il-paragrafu f'dik il-mozzjoni, li ma jkunx hemm dewmien aktar biex din il-problema ma tibqax titwal.

**L-ALTERNATTIVA NAZZJONALISTA**

Naħseb li ttrattajt bejn wieħed u ieħor l-akbar problemi li għandu quddiemu l-pajjiz illum. Aħna qegħdin noffru lill-Poplu Malti l-alternattiva tagħna. L-alternattiva sinċiera tagħna. L-alternattiva tagħna li verament irridu l-ġid tal-poplu tagħna. L-alternattiva li verament aħna nemmnu li dan il-Gvern falla fl-oqsma l-aktar importanti u llum m'għandux aktar ideat, m'għandux aktar sens ta' direzzjoni tista' tgħid fl-oqsma kollha.

Illum aħna qegħdin ngħidu lill-Poplu Malti li hemm bzonn li f'dan il-pajjiz ikun hemm il-bidla. Bidla radikali. Mhux biss f'min imexxi. Irid ikun hemm bidla fil-mod kif naħsbu. Irid ikun hemm bidla fil-mod kif niggvernaw. Irid ikun hemm bidla biex il-poplu jipparteċipa verament f'dak kollu li jinteressah. U din il-bidla ma jistax jagħtihielu l-Gvern tal-lum. Lanqas jista' jagħtihielu l-partit tal-lum avolja forsi kien hemm min ħaseb li għax kellhom miskin Deputy Leader li jismu Joe Brincat għamluh ftit ta' zmien ilu bil-voti u neħħewh u għamlu Deputy Leader ġdid, Carmelo Mifsud Bonnici, ħabib tagħna, u jiena nafu ħafna, u huwa jaf lili ħafna, barra milli huwa hu deputat tagħna — imma dan m'għandux x'jaqsam. Ilna nafu lil xulxin ħafna, konna l-Universita' flimkien, ħdimna ħafna flimkien, fost affarijiet oħra f' diversi għaqdiet, anke għaqdiet tal-Knisja, fosthom, is-Social Guild fejn konna niltaqgħu darba jew tnejn f' ġimgħa, niddiskutu l-problema soċjali ta' pajjizna. Kien hawn min ħaseb li issa għax għandhom Deputy Leader ġdid min jaf kemm ideat se' jibdew ħerġin biex dan il-pajjiz jinduna li l-partit soċjalista jista' huwa stess joffri alternattiva.

Fil verita' qed nipprova nsegwi dak li qed jgħid dan id-Deputy Leader ġdid u s'issa ħlief ta' pappagall ma għamilhiex. Ħlief nisimgħu l-ħmerijiet tas-soltu m'aħniex
*(applawsi)*

Ħlief nisimgħu l-akkuzi tas-soltu m'għamilx.

**U jien nagħmlilhom suġġeriment ieħor. Naħseb li l-poplu kollu jaqbel li wasal iż-żmien tal-bidla. Il-poplu kollu jaħseb li hemm bżonn tal-bidla. Jekk hemm min jaħseb li dik il-bidla m'għandux jagħtihielu l-Partit Nazzjonalista, jien nissuġġerilu li l-bidla tista' ssir, forsi, jekk ibiddlu l-Kap tagħhom (applaws). Ibiddlu dak li jispira kollox. Ibiddlu lil dak li huwa l-"boost" ta' kollox. Ibiddlu lil dak li d-diżastru tagħna nafuh mhux biss lill-partit tiegħu imma l-ewwel u qabel kollox lilu**
*(applawsi)*

**Jekk ibiddlu lilu forsi xi ħadd ikun jista' jgħid li hawn ċans ta' bidla mingħajr ma jkollna lill-Partit Nazzjonalista. U huma jafu li għandhom bżonn tal-bidla u jien lil sħabi ngħidilhom li xbajt nisma' nies minn tagħhom, nies f'pożizzjoni għolja fil-partit tagħhom jgħidulna: komplu isħqu fuq il-korruzzjoni... (applaws) forsi fl-aħħar (applaws u agħjat)... Huma jafu li ż-żmien tagħhom spiċċa u għalhekk kif tgħid dik il-mozzjoni aħna lil dawk li ndunaw bl-iżball tagħhom u jiġu għandna hawn nilqgħuhom hawn b'idejna miftuħa kif nilqgħu fostna (applaws) fost il-mistednin ex-kandidat tagħhom fl-aħħar elezzjoni. (applaws) Nilqgħu fostna lil dawk kollha li jiġu fil-każini tagħna. Nilqgħu fostna lil dawk kollha li meta ndunaw bl-iżball qegħdin jittesseraw magħna. Aħna rriduhom, għandna bżonnhom, għandu bżonnhom fil-pajjiż. Il-pajjiż għandu bżonn il-voti tagħhom għax hemm bżonn li ssir il-bidla. Aktar ma ssir il-bidla malajr aktar ikun ta' ġid għalina lkoll.**

**Jien ċert li din l-għajta tagħna qed tidwi ma' Malta kollha. Illum neħħejnilhom il-maskra. Illum nafu min huma l-ipokriti. Illum nafu min daħak bil-ħaddiem, illum nafu min isserva bil-ħaddiem, illum nafu min jimxi bil-politika tar-rikatt, illum nafu min jimxi bil-politika tal-vittimizazzjoni, illum nafu li hemm partit wieħed biss f'Malta li jista' jġib il-ġid u l-progress fil-pajjiż: il-Partit Nazzjonalista. (applaws u agħjat).**





**UNIVERSAL WOODWORKING MACHINE**
with 12 operations for the use in the Woodworking Industry

**BANDSHAW MACHINE in cast and steel**
available in various sizes
in single and three phase motors

# ALFEN TRADING CO. LTD.

114, High Street, HAMRUN — Tel. 25721
Trade Fair Stand — Italian Pavillion

Stamperija Indipendenza, Pietà



"Illum qed ngħidu lill-poplu Malti li hemm bżonn li f'dan il-pajjiż ikun hawn il-bidla. Bidla radikali. Mhux biss f'min imexxi. Irid ikun hemm bidla fil-mod kif naħsbu. Fil-mod kif niggvernaw. Bidla biex il-poplu jippartecipa tassew . . ."